Maltese/Malti

Australian Government
Department of Families, Community Services and Indigenous Affairs



# Planning for the Future
# Ippjanar għall-Futur
## People with disability
## Nies b'diżabbiltà

Titjib fil-ħajja tal-poplu Awstraljan

Australian Government
Department of Families, Community Services and Indigenous Affairs

# Ippjanar għall-Futur
## Nies b'diżabbiltà

Titjib fil-ħajja tal-poplu Awstraljan

© Commonwealth of Australia 2007

ISBN: 978 1 921130 94 6

Dan ix-xogħol bil-copyright. Jista’ jkun riprodott sħiħ jew parzjalment skond kif jingħata għarfien tas-sors u mingħajr użu kummerċjali jew xiri. Riproduzzjoni għal skopijiet oħra minn dawk imsemmija hawn fuq, ikunu jeħtieġu permess minn qabel bil-miktub mill-Commonwealth li jista’ jsir mill-Commonwealth Copyright Administration, Attorney-General’s Department.

Talbiet jew informazzjoni dwar riproduzzjoni u drittijiet għandhom ikunu indirizzati lill- Commonwealth Copyright Administration, Attorney-General’s Department, Robert Garran Offices, National Circuit, Canberra ACT 2600 jew mibgħutha f’ http://www.ag.gov.au/cca

Dan ir-riżors kien miktub minn Lel D’aegher għall-Istudji ta’ Diżabbiltà u l-Istitut ta’ Riċerka, bil-kontribuzzjonijiet u l-pariri ta’ Stephen Booth.

Il-ħajr tagħna jmur lill-membri tal-grupp ta’ referenza u lill-membri tal-familja u dawk li jipprovdu servizz li ġenerożament ipprovdew informazzjoni waqt l-izvilupp tal-ktieb.

# Kontenut

**Introduzzjoni** ..... **1**
Dwar x'hiex inhu dan il-ktejjeb? ..... 1
Tfassil ta' dan il-ktejjeb ..... 1
Xi punti dwar kif dan il-ktejjeb huwa miktub ..... 2

**L-1 Taqsima: Ippjanar għall-futur: affarijiet li għandek tikkonsidra** ..... **3**
Proċess ta' Ippjanar ..... 6

**It-2 Taqsima: Ippjanar għall-futur: kif għandek tagħmel l-għażla t-tajba (mistoqsijiet u tweġibiet)** ..... **7**
Għaliex ippjanar speċjali għal diżabbiltà? ..... 7
Kemm huwa importanti li jkollok testment? ..... 8
Nista' nagħti assi direttament lill-persuna b'diżabbiltà? ..... 9
Hemm implikazzjonijiet tat-taxxa għall-ippjanar għall-futur? ..... 10
Hemm implikazzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali? ..... 10
X'arranġamenti hemm dwar ordnijiet ta' immaniġġar finanzjarju jew ordnijiet ta' persuna li tieħu ħsieb il-propjetà ta' persuna oħra ..... 10
X'inhi power of attorney (prokura)? ..... 11
Min jista' jagħmel power of attorney? ..... 11
Allura x'inhuma l-għażliet l-oħra jekk niddeċiedi li ma nagħtix l-assi direttament lill-membru tal-familja b'diżabbiltà? ..... 12

**It-3 Taqsima: Kif jitwaqqaf trust (fond)** ..... **13**
X'inhuma l-kwistjonijiet bażiċi ta' trust? ..... 13
X'jagħmlu t-trustees (depożitarji)? ..... 14
Kif jitwaqqaf trust? ..... 14
Lil min għandi naħtar bħala t-trustee? ..... 15
Min jista' jkun trustee? ? ..... 16
Kemm nista' naħtar trustees? ..... 17
X'jiġri jekk it-trustee jmut jew ma jkunx jista' jaċċetta l-ħatra? ..... 18
Xi kwistjonijiet importanti prattici meta twaqqaf trust ..... 18
Kif inqassam l-assi tiegħi bejn membri tal-familja? ..... 19
Kif forom differenti ta' akkomodazzjoni għandhom x'jaqsmu ma' dan? ..... 21
Trusts speċjali għal diżabbiltà ..... 22
Jistgħu l-arranġamenti tiegħi dwar trusts jew testment ikunu appellati? ..... 22
Irrid nispjega fid-dettal dak li rrid jiġri fit-trust? ..... 23
Kif ngħaddi dak kollu li nkun tgħallimt dwar il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabbiltà? ..... 23

**Ir-4 Taqsima: Kif ikollok aċċess għal parir legali u finanzjarju** ..... **25**
Kif issib avukat ..... 25
Informazzjoni li għandek tieħu lill-avukat ..... 25

Kif issib espert finanzjarju ........ 26

**Il-5 Taqsima: Kuntatti siewja** ........ **27**

Man-nazzjon kollu ........ 27

Servizzi tal-Familja u ta' Pariri ta' Medjazzjoni ........ 27

Pariri Legali ........ 28

Dawk li jagħtu Pariri Finanzjarji ........ 28

New South Wales ........ 29

Victoria ........ 32

Queensland ........ 35

Australian Capital Territory ........ 39

Northern Territory ........ 40

Western Australia ........ 42

South Australia ........ 44

Tasmania ........ 46

Aktar qari f'dan il-qasam ........ 48

**Is-6 Taqsima: Mudelli ta' Ippjanar** ........ **49**

Lista ta' iċċekkjar għal ippjanar fil-futur ........ 49

Informazzjoni li għandek tieħu lill-avukat ........ 51

# Introduzzjoni

## Dwar x'hiex inhu dan il-ktejjeb?

Tħassib kbir ta' persuna li tkun tieħu ħsieb persuna b'diżabbiltà hija dwar kif il-persuna li tieħu ħsieb tkun mgħejjuna fil-futur meta min jieħu ħsieb il-persuna ma jkunx jista' aktar jipprovdi l-imħabba, is-sapport u l- kura huwa stess. Dan huwa ta' tħassib kbir għal ġenituri ta' tfal bi bżonnijiet kbar ta' sapport. Il-biċċa l-kbira ta' nies b'diżabbiltà huma kapaċi li jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom jew li jikkontribwixxu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-bżonnijiet tagħhom fil-futur, sapport u kura. Madankollu, xi membri tal- familja b'diżabbiltà ikollhom livell żgħir ta' kontroll dwar il-ħajjiet tagħhom u għalhekk ma jipparteċipawx attivament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Riċerka tindika li ħafna nies ikunu jixtiequ li jagħmlu proviżjonijiet finanzjarji privati għall-kura futura u bżonnijiet ta' akkomodazzjoni ta' persuna b'diżabbiltà imma ma jifhumx il-passi li għandhom jieħdu biex jippjanaw għall-futur. Dan il-ktejjeb kien miktub biex jgħin lil nies, lill-familji u lil dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd biex isibu informazzjoni u sapport biex jippjanaw għall-aħjar tal-persuna fil-futur li jkollha bżonnijiet kbar ta' sapport. Kien iddisinjat biex jgħin lil familji jikkonsidraw il-kwistjonijiet involuti fit-teħid tad-deċiżjonijet ibbażati fuq għarfien sod. Jinkoraġġixxi lill-familji, partikularment lill-ġenituri, biex jikkunsidraw il-bżonnijiet tagħhom stess fil-futur kif ukoll dawk ta' binhom jew binthom b'diżabbiltà.

L-informazzjoni għandha l-għan li tgħin lill-familji biex jippjanaw arranġamenti fil-futur għall-kura kontinwa tal-membru tal-familja tagħhom b'diżabbiltà, li tkun pożittiva, sostenibbli, flessibbli u li tilqa' x-xewqat kemm tal-persuna b'diżabbiltà u tal-familja tagħha fejn huwa possibbli. Il-kwistjoni ta' min tafda għal parir u l-involviment kontinwu fil-pjan jistgħu jkunu kwistjoni ewlenija għall-familji u jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tagħhom biex jagħmlu deċiżjonijiet. L-informazzjoni fil-ktejjeb tqajjem mistoqsijiet u tipprovdi rispons possibbli għal kwistjonijiet ta' ippjanar fil-futur. Dan il-ktejjeb huwa gwida biss u int għandek tikseb parir legali u finanzjarju xieraq qabel timplimenta l-pjan tiegħek Fl-aħħar ta' dan il-ktejjeb hemm aktar dettalji dwar minn fejn għandek tieħu parrir.

### Tfassil ta' dan il-ktejjeb

Il-ktejjeb huwa mqassam f'taqsimiet biex jgħinu lill-familji jaraw l-għażliet li hemm meta jimplimentaw pjan għall-futur. Waqt li jistgħu jkunu ssettjati sistemi biex jissalvagwardjaw il-futur finanzjarju tal-membru tal-familja tagħhom, l-ippjanar għall-futur jeħtieġ ħafna aktar milli wieħed jifhem il-proċessi legali li hemm. L-ippjanar għall-futur huwa dwar li jittieħdu passi issa biex il-pjanijiet jitpoġġew f'posthom, u mhux sempliċiment dwar meta tkun anzjan u ma tkunx tista' tipprovdi aktar il-livell ta' kura li l-persuna jkollha bżonn.

Dan il-ktejjeb huwa mqassam f'ħames taqsimiet:

**L-1 Taqsima: Ippjanar għall-futur: affarijiet li għandek tikkonsidra** tgħin lill-familji biex jaħsbu dwar xi kwistjonijiet li għandhom jikkunsidraw meta jippjanaw għall-futur tal-membru tal-familja tagħhom bi bżonnijiet kbar ta' sapport u tinkoraġġixxi lill-familji biex jikkunsidraw 'il-ħajja kollha' fl-ippjanar.

**It-2 Taqsima: Ippjanar għall-futur: kif għandek tagħmel l-għażla t-tajba** titkellem dwar l-għażliet li hemm għall-familji meta jippjanaw għall-futur u hija miktuba f'forma ta' mistoqsija u tweġiba biex tgħinek issib l-informazzjoni rilevanti għal bżonnijiet tiegħek.

**It-3 Taqsima: Kif twaqqaf trust (fond)** teżamina kif twaqqaf trust biex jipprovdi għal membru tal-familja bi bżonnijiet kbar ta' sapport u fiha mistoqsijiet u tweġibiet dwar trusts.

**Ir-4 Taqsima: Kif ikollok aċċess għal parir legali u finanzjarju** tipprovdi pariri dwar kif ikollok aċċess għal parir legali u finanzjarju u tinkludi informazzjoni biex tipprovdi lill-avukati u lil dawk li jagħtu pariri finanzjarji b'informazzjoni li jista' jkollhom bżonn biex jagħtuk l-aħjar parir.

**Il-5 Taqsima: Kuntatti ta' siwi** tipprovdi kuntatti f'kull stat u territorju, u tagħti xi suġġerimenti għal aktar qari.

**Is-6 Taqsima: Mudelli ta' Ippjanar** tipprovdi lista ta' iċċekkjar ta' pjan ta' kura għalik biex timla mal-familja tiegħek u proforma ta' informazzjoni biex timla u tagħti lill-avukat tiegħek.

## Xi punti dwar kif inhu miktub dan il-ktejjeb

### Mistoqsijiet u tweġibiet

Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet li saru f'dan il-ktieb huma mistoqsijiet li ġenituri u membri oħra tal-familja ħafna drabi jistaqsu dwar l-ippjanar tal-futur.

### Assi, flus u propjetà

F'dan il-ktejjeb, l-assi ta' nies jew trusts ikunu riferuti bħala l-assi tagħhom. Assi wżati f'dan il-mod jistgħu jinkludu art jew real estate, flus, isħma (shares) jew kull tip ieħor ta' assi. Avukati jistgħu jirreferu wkoll għal assi bħala propjetà.

# L-1 Taqsima

## *Ippjanar għall-futur: affarijiet li għandek tikkunsidra*

Biex taħseb għall-futur ta' membru ta' familja bi bżonnijiet kbar ta' sapport, huwa importanti li tgħaddi ftit tal-ħin tirrifletti dwar x'inhuma t-tamiet u l-ħolmiet tiegħek għall-futur ta' dik il-persuna u wkoll x'inhuma t-tamiet u l-ħolmiet li dik il-persuna għandha hija stess. Dan huwa li toħloq viżjoni biex biha tkun tista' tippjana l-għanijiet biex tilħaq dik il-viżjoni mill-aħjar li tista'. M'hemmx 'regola li tapplika għal kulħadd', billi kull persuna ikollha t-tamiet, il-ħolm u x-xewqat tagħha.

Waqt li familji jiffaċċjaw il-kwistjoni dwar kif jipprovdu futur sostenibbli u salvagwardji għall-membru tal-familja tagħhom, l-aċċess tagħhom għal informazzjoni biex jissapportjawhom fid-deċiżjoni tagħhom tista' tkun limitata għal pariri minn avukati jew dawk li jagħtu pariri finanzjari li huma stess jistgħu ma jkunux infurmati f'dan il-qasam. Ħafna nies b'diżabbiltà issa qegħdin jgħixu aktar mill-ġenituri tagħhom, għalhekk il-preparazzjoni għall-futur issa hija aktar imperattiva milli kienet fil-passat. Kull familja għandha bżonnijiet diversi skond iċ-ċirkustanzi tagħha.

Nies u dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd jistgħu jkunu proattivi fl-ippjanar għall-futur. Iċ-ċavetta hija li toħloq viżjoni ċara dwar x'jista' jkun dan il-futur u tiżviluppa pjan biex tagħmlu jseħħ. Bħala ġenituri huwa importanti li tistaqsu l-mistoqsija: 'X'riżultati jixtieq ibni jew binti għas-sapport fil-futur u x'nittama u x'nixtieq għalih jew għaliha?''. Huwa ta' benefiċċju għall-ġenituri li jinkludu membri oħra tal-familja meta jirriflettu dwar din il-mistoqsija biex dawk li jiġu minnhom u oħrajn ikollhom sehem fil-proċess. Aħdmu bħala familja u involvu lill-membru tal-familj b'diżabbiltà kemm jista' jkun possibbli.

Biex tevita konflitt aktar tard, kun żgur li jkun hemm diskussjoni dwar x'inhuma l-bżonnijiet ta' kull membru tal-familja issa u fil-futur. Madankollu, żomm il-konċentrament fuq il-persuna b'diżabbiltà. Huwa vitali li fejn ikun possibbli l-membru tal-familja b'diżabbiltà jingħata l-opportunità li jkollu sehem kemm jista' jkun dwar il-viżjoni tiegħu għall-futur tiegħu stess u li jingħata s-sapport biex din il-viżjoni sseħħ. Il-livell ta' għarfien li persuna tifhem ikollu impatt fuq il-kapaċità tagħha biex tieħdu sehem fit-teħid ta' din id-deċiżjoni. Waqt li tirrifletti fuq il-viżjoni u l-ippjanar għall-futur huwa essenzjali li żżomm il-persuna b'diżabbiltà fiċ-ċentru ta' dak li tkun qed tagħmel.

Meta tkun qed taħseb dwar il-provediment ta' futur sostenibbli għal ibnek jew għal bintek b'diżabbiltà jista' jqajjem ħafna biża' u tħassib. Jista' jkun ta' siwi li tfittex lil xi ħadd fin-network tiegħek jew fil-komunità għal sapport u gwida meta tkun qed tikkonsidra dawn l-affarijiet. Aħseb ftit fejn tista' ssib dan is-sapport. Żviluppa 'lista ta' xewqat' ta' l-affarijiet kollha li l-membru tal-familja tiegħek jixtieq billi din tgħin lilek u lil oħrajn li jistgħu jiġu warajk biex jagħmlu deċiżjonijiet għall-ahjar tagħhom. Aġġorna din il-lista hekk kif l-età u ċ-ċirkustanzi tal-persuna jinbidlu.

L-ippjanar għas-sapport futur għal persuna bi bżonnijiet kbar ta' sapport mhux biss huwa dwar x'jiġri meta tmut int. Il-ħajjiet tagħna huma nċerti u l-pjan tiegħek jista' jibda minn għada minflok f'xi żmien fil-bogħod fil-futur. Hemm ċirkustanzi fejn ikun aħjar li tagħmel proviżjonijiet għal persuna fi stadju kmieni – per eżempju, jekk ikun hemm riskju sinifikanti li l-provditur finanzjarju prinċipali ma jkunx jista' jibqa' jimmaniġġa l-affarijiet tal-persuna b'diżabbiltà minħabba mard.

Futur sigur u sostenibbli għat-tifel jew tifla tiegħek b'diżabbiltà aktar jista' jintlaħaq jekk ikun hemm oħrajn impenjati fil-ħajja tagħhom fiż-żmien fit-tul. Bħala parti mill-ippjanar tiegħek tista' tixtieq li twaqqaf xi grupp, ħafna drabi riferut bħala 'ċirku ta' sapport jew 'network personali'. Ċirku ta' sapport jew network personali jista' jinkludi familja, ħbieb, u oħrajn impenjati fil-ħajja tal-membru tal-familja tiegħek, per eżempju xi ħadd li jirrappreżentak li jkun viċin tal-persuna jew membru tal-knisja.

Qabel tara lil xi ħadd għal parir legali jew finanzjarju huwa importanti li tara x'għandek bżonn (għanijiet u pjanijiet) kemm jista' jkun possibbli. Jekk għandek pjan diġà, huwa aktar faċli li tikseb parir li jkun rilevanti għas-sitwazzjoni tiegħek. Aktar ma tkun ċara l-viżjoni tiegħek, aktar ikun faċli li tippjana u timxi skond il-pjan. Ikun hemm ħafna sfidi biex tilħaq il-pjan, inkluż rispons minn nies u organizzazzjonijiet li jkollhom l-għan li jiskuraġġuk. Li jkollok il-familja u oħrajn barra l-familja tiegħek jissapportjaw il-viżjoni tiegħek jgħinuk biex iżżomm id-direzzjoni tiegħek. Meta pjan ikun żviluppat sewwa jista' jkun aġġornat regolarment biex jirrifletti l-bżonnijiet li jinbidlu tal-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà.

Hawnhekk għandek xi ideat tal-kwalità ta' affarijiet li tista' tikkunsidra biex tibda. Kun espliċitu meta tkun qed taħseb permess ta' din il-lista ta' iċċekkjar. Jista' jkun li mhux l-għanijiet kollha li tidentifika jintlaħqu, imma tħallix dan iwaqqfek milli tippjana u taħdem lejn riżultat pożittiv għall-futur.

- X'inhuma t-tamiet u l-ħolm tal-persuna b'diżabbiltà u t-tamiet u l-ħolm tiegħek għaliha?
- Kif il-persuna bħalissa tikkomunika l-bżonnijiet tagħha?
- X'akkomodazzjoni tissodisfa l-bżonnijiet u x-xewqat tal-persuna?
- X'inhuwa importanti biex jinżammu r-relazzjonijiet soċjali ta' valur u interazzjonijiet u x'jixtiequ għall-futur f'dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet?
- X'attivitajiet jieħdu pjaċir bihom fil-preżent jew li jixtiequ fil-futur?
- X'iħobbu u x'ma jħobbux (kun speċifiku u inkludi ikel, mużika, ambjent, nies)?
- X'inhuma l-bżonnijiet tagħhom ta' tagħlim u edukazzjoni?
- Kif aħna, jew oħrajn, nistgħu nissapportjaw il-persuna biex tilħaq it-tamiet u l-ħolm tagħha?

Kopja ta' din il-lista ta' iċċekkjar li tkun tista' timla tinstab f'Taqsima 6.

L-aktar parti diffiċli tal-proċess hija li tibdel it-tamiet u x-xewqat tal-persuna b'diżabbiltà u t-tamiet u x-xewqat tiegħek fi pjan ċar u konċiż.

Jekk dan huwa l-ewwel attentat tiegħek ta' ippjanar, għandek tkompli taħdem permezz ta' l-ideat għal pjan tiegħek u biż-żmien tadottahom.

Jekk diġà stabbilejt pjan, dan il-ktejjeb u l-kwistjonijiet imqajma jistgħu jkunu ta' użu biex jgħinuk tirrevedi, taġġorna u tirrafina l-pjan tiegħek.

Meta tkun ippjanajt sa fejn taħseb li tista' tasal, ikkunsidra jekk tkunx trid aktar pariri minn għand avukat jew espert finanzjarju dwar kif jista jaħdem.

Dan huwa sommarju ta' xi affarijiet li għandek iżżomm f'moħħok meta tkun qed taħdem kif se tipprovdi għajnuna għal membru tal-familja. Ħafna minn dawn il-kwistjonijiet huma koperti f'aktar dettal aktar tard f'dan il-ktejjeb.

- Żomm lill-membru tal-familja b'diżabbiltà fiċ-ċentru tal-viżjoni u l-ippjanar, u involvihom fil-proċess kemm jista' jkun possibbli.
- Inkludi nies oħrajn meta tkun qed titkellem dwar il-viżjoni u l-pjan. Dawn idealment jinkludu nies jiġu minnhom, membri oħra tal-familja inkluża familja estiża li huma qrib tal-persuna b'diżabbiltà u oħrajn li jipprovdu sapport u kura lill-persuna bi bżonnijiet kbar ta' sapport.
- Ħares lejn il-passi meħtieġa biex tintlaħaq il-viżjoni – dawn il-passi jiffurmaw il-pjan tiegħek.
- Iġbor informazzjoni u pariri li jgħinuk fl-ippjanar tiegħek.
- Iġbor informazzjoni u pariri li jgħinuk fl-ippjanar tiegħek.
- Aħdem fuq pjan għal "ħajja kollha" meta tkun qed tiżviluppa pjan. Dan mhux biss dwar kif persuna jkollha provediment finanzjarju imma dwar kif jaslu għat-tamiet u l-ħolm tagħhom u li jkollhom stil ta' ħajja li tirrifletti dawn.
- Ħu pass wieħed wieħed billi l-bini ta' pedamenti sodi joħolqu futur aktar sostenibbli għall-persuna b'diżabbiltà.
- Tkellem ma' oħrajn fil-komunità jew network tiegħek u ikkunsidra li twaqqaf 'ċirku ta' sapport' jew 'network personali' bl-iskop li jissalvagwardja lill-membru tal-familja tiegħek u l-viżjoni tiegħek fiż-żmien fit-tul.
- Qabel tara lil xi ħadd għal parir legali jew finanzjarju huwa importanti li tara x'inhuma l-bżonnijiet tiegħek (għanijiet u pjanijiet) kemm jista' jkun possibbli.
- Ibqa' flessibbli għall-isfidi u l-bidla.
- Żviluppa 'lista ta' xewqat' biex tgħin lil oħrajn fid-deċiżjoniet li jagħmlu f'isem il-membru b'diżabbilta' tal-familja tiegħek.

## Proċess ta' Ippjanar



# It-2 Taqsima

## *Ippjanar għall-futur: kif għandek tagħmel l-għażla tajba (mistoqsijiet u tweġibiet)*

### Għaliex ippjanar speċjali għal diżabbiltà?

M'**għandekx** għalfejn tagħmel xi arranġamenti speċjali għal membru tal-familja b'diżabbiltà. Jekk ikollokx bżonn taħseb dwar xi arranġamenti speċjali jiddependi dwar **il-kapaċitajiet tal-persuna b'diżabbiltà, ir-riżorsi disponibbli,** u x-xewqat tiegħek għall-futur.

Jekk il-persuna b'diżabbiltà tkun kapaċi timmaniġġa l-flus tagħha jew timmaniġġa l-flus b'għajnuna informli, ikun anqas il-bżonn li jkollok tagħmel arranġamenti speċjali. Tista' tuża r-riżorsi tal-familja l-istess bħal ma' tużahom għal membri tal-familja li m'għandhomx diżabbiltà. Tista' tagħti assi lill-persuna b'diżabbiltà permezz tat-testment tiegħek jew trust l-istess kif tagħmel għal membri oħra tal-familja – ġeneralment bħala rigal.

Madankollu, hemm żewġ raġunijiet ewlenin għaliex tista' tkun idea tajba li tagħmel arranġamenti speċjali.

- Jekk id-diżabbiltà taffettwa l-kapaċità mentali tal-persuna (bħal diżabbiltà intellettwali, korriment tal-moħħ, mard mentali jew dimenzja), il-persuna b'diżabbiltà jista' jkollha bżonn għajnuna biex timmaniġġa l-assi jew il-flus. Jista' jkollok bżonn tipprovdi għajnuna għal dan. Għażliet differenti biex tagħmel dan huma diskussi hawn taħt.

> ***Eżempju***
>
> Kwame għandu diżabbiltà intellettwali. Jaħdem u jgħix f'unit u jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu kuljum, imma jkollu bżonn għajnuna bil-flus. Oħtu Rose tgħinu jimmaniġġa l-flus tiegħu, inkluż li jħallas kontijiet u kif jagħmel il-baġit minn gimgħa għall-ohra.
>
> Dan l-arranġament jidher li se jkompli. Omm Kwame, Grace, tiddeċiedi li tagħti lil Kwame nofs dak li għandha, konfidenti li jkun immaniġġat sewwa minnu bl-għajnuna ta' Rose.
>
> Kieku Kwamne ma kellux lil Rose biex tgħinu, jew jekk id-diżabbiltà tiegħu kienet severa aktar, Grace kien ikollha tiddeċiedi lil min taħtar biex jgħin lil Kwame jimmaniġġa s-sehem tiegħu ta' dak li tagħtih.

- Kultant tkun trid iżżomm aktar kontroll mis-soltu dwar kif ir-riżorsi tal-familja jkunu wżati fiż-żmien fit-tul, anke jekk il-persuna b'diżabbiltà tkun tista' tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha. Tista' tkun trid tikkontrolla kif ir-riżorsi tal-familja jkunu wżati wara li l-persuna b'diżabbiltà ma jkollhiex aktar bżonnhom.

Per eżempju, minħabba li l-persuna b'diżabbiltà jkollha bżonnijiet akbar minn membri oħra tal-familja, tista' tkun trid li tħalli lill-persuna b'diżabbiltà tuża sehem akbar ta' dak li jkollok minn tfal oħra li jkollok li ma jkollhomx diżabbiltà. Madankollu, wara li persuna b'diżabbiltà tkun mietet, tista' tkun trid li dawk l-assi li jibqgħu, imorru għat-tfal l-oħra tiegħek jew għan-neputijiet tiegħek. Biex tikseb dan ir-riżultat aktar milli tħalli l-affarijiet iseħħu waħidhom, jista' jkollok bżonn tagħmel arranġamenti speċjali.

***Eżempju***

Fred u June għandhom erbat itfal. It-tifla tagħhom Jessica għandha diżabbiltà fiżika u ma taħdimx. Fred u June jħossu li jkollha bżonn aktar sapport minn oħtha u ħutha subien.

Jiddeċiedu li jwarrbu 75% tal-propjetà, fi trust skond it-testment tagħhom, għall-użu ta' Jessica, biex tinxtara dar xierqa u jħallu xi flus biex ikopru spejjeż oħra. It-tliet itfal l-oħra jaqsmu bejniethom il-bqija tal-25%.

It-trust deed (att ta' fedekommess) jindika li wara li Jessica tmut, id-dar u xi flus oħra li jibqa' jinqasmu bejn it-tfal ta' Jessica u n-neputijiet l-oħra ta' Fred u June biex kull fergħa tal-familja fl-aħħar tieħu ndaqs mill-propjetà.

Biex tiddeċiedi jekk xi arranġamenti speċjali humiex meħtieġa, u x'għandhom ikunu dawk l-arranġamenti, għandek taħseb dwar il-kapaċitajiet u l-bżonnijiet tal-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà. Għandek tikkonsidra x'kwistjoniijet jista' jkun hemm u x'tista' tagħmel dwarhom. Għandek taħseb ukoll dwar il-bżonnijiet ta' membri oħra tal-familja tiegħek.

Tista' titkellem mal-persuna b'diżabbiltà biex tara xi trid qabel tiddeċiedi li tagħmel xi ħaġa. Tista' titkellem ukoll ma' nies oħrajn fil-familja tiegħek jew fin-network ta' nies li jafu lill-persuna b'diżabbiltà

L-assessjar tiegħek ikun assessjar individwali bbażat fuq ċirkustanzi speċifiċi: kull sitwazzjoni hija differenti u m'hemmx tweġibiet tajba jew ħżiena.

Il-bidu għandu jkun il-viżjoni tiegħek ta' dak li trid li jkun hemm biex jitħarsu l-interessi tal-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà fil-futur, wara li int tkun tlaqt. Dan jgħinek tiddeċiedi kif tista' tagħmel dan l-aħjar waqt li tkun għadek ħaj.

## Kemm huwa importanti t-testment?

Mistoqsija fundamentali hija x'assi se tħalli lill-membru tal-familja bi bżonnijet kbar ta' sapport u f'liema forma.

Huwa importanti ħafna li jkollok testment u li tikseb għajnuna minn avukat biex tagħmel testment. Hemm numru ta' raġunijiet għal dan.

- Jekk ma jkollokx testment, meta tmut, l-assi tiegħek jitqassmu b'mod li tiddetermina l-liġi fl-istat fejn toqgħod jew fejn ikunu l-assi tiegħek. Dawn jissejħu liġijiet ta' intestacy (kundizzjoni ta' xi ħadd li miet bla ma laħaq għamel testment) u jagħtu kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet speċjali ta' persuna b'diżabbiltà. Dan jista' jħalli lill-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà b'nuqqas serju ta' riżorsi għall-futur. Hemm proviżjon fl-Istati kollha (per eżempju fi NSW, *l-Att ta' Proviżjon tal-Familja*) għal persuna b'diżabbiltà biex tapplika fil-qorti biex tikseb sehem akbar min dak li jitħalla (dan japplika wkoll fejn ikun hemm testment imma jkun ta' ħafna nkwiet għal persuna biex tieħu din l-azzjoni).

  Jekk persuna b'diżabbiltà ma tkunx tista' tagħmel deċiżjonijiet waħidha, tista' titieħed azzjoni minn 'next friend' – ġeneralment maniġer finazjarju maħtur mill-Guardianship Tribunal jew mill-Protective Commissioner (kull stat/territorju jkollu t-titlu tiegħu – ara Taqsima 5).

F'ħafna każi fejn ma jkunx hemm testment, il-familja taqbel dwar kif l-assi jinqasmu mingħajr ma jmorru l-qorti. Jekk jiġri dan jitħejja 'deed of family arrangement' minn avukat u jieħu post testment. Jekk il-persuna b'diżabbiltà ma tkunx tista' tieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjoni, jista' jinħatar maniġer finanzjarju biex jirrappreżenta l-interessi tagħha.

- Meta jkollok testment ikollok is-sigurtà li tkun taf li għandek f'posthom it-tamiet u x-xewqat tiegħek għas-sapport futur u l-kura tal-membru tal-familja tiegħek bi bżonnijiet kbar ta' sapport. Jipprovdilek salvagwardji biex jiżgura li l-pjanijiet li tkun żviluppajt ikomplu jkunu implimentati.

Għandek tara avukat biex tagħmel testment. Avukat ikun jista' jgħinek biex tiżgura li tinkludi l-affarijiet kollha li tkun trid fit-testment, li tifhem il-konsegwenzi ta' dak li tikteb, u li jkun miktub b'mod tajjeb. Billi ħafna avukati m'għandhomx esperjenza biex jipprovdu pariri lil nies li jkollhom membru tal-familja bi bżonnijiet kbar ta' sapport, u li jistgħu ma jkunux aġġornati b'servizzi ta' diżabbiltà u soċjali, ikun tajjeb li tgħaddi ftit żmien tfittex avukat li jifhem f'dawn l-affarijiet.

Testment għandu jkun rivedut u aġġornat biex jippermetti għall-bidliet fiċ-ċirkustanzi tiegħek. Għal aktar informazzjoni dwar testmenti ara Taqsima 3.

## Nista' nagħti assi direttament lill-persuna b'diżabbiltà?

Ċertament din hija għażla, jew għal meta tkun ħaj jew permezz tat-testment tiegħek. Huwa l-mod li bih il-biċċa l-kbira tan-nies ħafna drabi jittrasferu l-assi tagħhom lil membri oħra tal-familja. Jekk qed taħseb li tagħmel dan, ikkunsidra dawn l-affarijiet.

- **Il-membru tal-familja b'diżabbiltà jkollu bżonn għajnuna biex jieħu ħsieb l-assi tiegħu?**
  Tista' l-persuna tieħu ħsieb il-flus fil-bank jew tieħu ħsieb dar, inkluż li tħallas ir-rates u spejjeż oħra, tieħu ħsieb il-manutenzjoni u l-inxurans u affarijiet bħal dawn? Se tkun vulnerabbli għal esplojtazzjoni jew abbuż jekk xi ħadd jipprova 'jisraqha' jew xi ħadd jipprova jieħu f'idejh l-assi tagħha? Għandha bżonn sapport il-persuna? Qiegħed hemm is-sapport jew ikollha bżonn maniġer finanzjarju?
- **Huwa ġust li tibbilanċja l-bżonnijiet tal-persuna u l-bżonnijiet ta' oħrajn?**
  Għal darba oħra, ħares lejn l-eżempju fuq paġna 8. Jekk Fred u June taw 75% direttament lil Jessica mingħajr ebda kontroll ieħor dan huwa mod ġust kif jagħmlu l-affarijiet, meta tikkonsidra lit-tfal l-oħra tagħhom? L-assi mbagħad ikunu ta' Jessica, u hija tista' tħallihom lil min trid fit-testment tagħha (jew jekk ma tkunx tista' tagħmel testment, jgħaddu awtomatikament għall-eqred membru tal-familja tagħha). Dan jista' jkun il-mod kif tkun trid tagħmel l-affarijiet, imma jista' jagħti l-każ li tkun trid li l-assi tiegħek jinqasmu aktar indaqs, fl-interess ta' membri oħra tal-familja fiż-żmien fit-tul. Li titkellem mat-tfal tiegħek u tinkludihom fl-ippjanar jista' jelimina li jkun hemm nuqqas ta' qbil.
- **Jekk qed taħseb li tagħti flus meta jkun għadek ħaj, għandek fondi addizzjonali biżżejjed għall-bżonnijiet tiegħek speċjalment hekk kif tibda tidħol fl-età?**
  Għandek fondi biżżejjed għall-irtirar tiegħek biex ma jkollokx bżonn dawk l-assi? Meta tagħti l-assi lil xi ħaddieħor jew tpoġġihom fi trust, ma jibqgħux aktar tiegħek u ma tistax tassumi li se teħodhom lura. Omm jew missier ta' persuna bi bżonnijiet kbar ta' sapport tista' tkun imdorrija li tpoġġi l-bżonnijiet tat-tifel jew tifla tagħha qabel tagħha u ma tikkunsidrax l-impatt meta tagħti l-assi tagħha għall-futur aħjar tagħha stess.

## Hemm implikazzjonijiet tat-taxxa fl-ippjanar għall-futur?

It-tassazzjoni hija qasam kumpless ħafna billi hemm taxxi varji kemm f'livell tal-Commonwealth u anke f'livell statali li jridu jkunu ikkunsidrati meta tippjana (per eżempju, taxxi tal-Commonwealth jinkludu taxxa tad-dħul u taxxa tad-dħul kapitali (capital gains), taxxi statali jistgħu jvarjaw minn stat għall-ieħor u jistgħu jinkludu taxxa ta' l-art u stamp duty).

Din il-komplessità tagħmilha imprattikabbli biex tipprovdi aktar minn sempliċiment sommarju qasir ta' xi oqsma ewlenin. Waħda minn dawn il-komplessitajiet hija li t-tassazzjoni tiddependi fuq iċ-ċirkustanzi personali tiegħek, u għalhekk informazzjoni speċifika tat-tassazzjoni ma tistax tkun ipprovduta f'dan il-ktejjeb.

**Huwa essenzjali li tfittex pariri professjonali xierqa biex tkun ċar dwar l-implikazzjonijiet tat-taxxa fil-pjan tiegħek.**

| Taxxa | Meta tista' tkun applikabbli |
|---|---|
| Taxxa tad-dħul kapitali – tista' tapplika għal kull sitwazzjoni fejn ikun hemm bidla f'propjetà jew drittijiet legali. | ◗ meta tittrasferi xi assi fi trust.<br>◗ meta t-trust ibiegħ xi assi. |
| Stamp duty – jitħallas fuq trasferiment ta' assi speċifiċi minn sid għall-ieħor. Stamp duty ma jitħallasx fuq propjetà li tkun intirtet permezz ta' testment. | ◗ meta t-trust jixtri xi assi.<br>◗ meta t-trust jirċievi xi assi b'mod ta' trasferiment. |
| Taxxa tad-dħul– titħallas minn individwi u trustees ta' trusts ibbażata fuq id-dħul tat-taxxa assessjat. | ◗ meta d-dħul tat-trust huwa akbar mill-ispejjeż tiegħu.<br>◗ tqassim mit-trust lil xi benefiċjarju. |

## Hemm implikazzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali?

Jekk il-persuna li lilha tkun tajt l-assi tirċievi ħlas ta' sapport tad-dħul, il-ħlasijiet tagħha jistgħu jkunu affettwati billi tirċievi dawk l-assi.

Billi m'għandekx garanzija dwar il-bidliet possibbli għaċ-ċirkustanzi tiegħek fil-futur qrib, qabel tagħti assi lil membru tal-familja b'diżabbiltà, ara x'ikunu l-implikazzjonijiet potenzjali fuq il-ħlasijiet ta' sapport tad-dħul, għalik u għalihom.

## X'arranġamenti hemm dwar ordnijiet ta' immaniġġar finanzjarju jew ordnijiet ta' persuna li tieħu ħsieb il-propjetà ta' persuna oħra?

Skond il-liġi, meta persuna tagħlaq 18-il sena ma tibqax taħt il-ħarsien tal-ġenituri tagħha kemm jekk ikollha diżabbiltà jew le. Jekk tifel/tifla jkun taħt it-18-il sena, ġenitur jista' jaħtar xi ħadd li jieħu ħsiebu fit-testment tagħhom. Meta t-tifel/tifla jagħlaq 18, ġenitur ma jistax jaħtar lil xi ħadd biex jieħu ħsieb binhom jew binthom, anke jekk ikollhom bżonn kbir ta' sapport.

Il-membru tal-familja tiegħek jista' ma jkollux bżonn lil xi ħadd li jieħu ħsiebu formalment jew maniġer finanzjarju jekk ikollhom grupp impenjat ta' nies li jgħinhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Jekk persuna b'diżabbiltà ma tkunx tista' timmaniġġa l-affarijiet tagħha huwa possibbli:

- li jkollha maniġer finanzjarju li jinħatar biex jagħmel deċiżjonijiet ta' immaniġġar finanzjarju f'isem il-persuna b'diżabbiltà; jew
- li jkollha lil xi ħadd jieħu ħsieb li jinħatar u li jkun jista' jagħmel deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet oħra tal-ħajja (bħal kura tas-saħħa u servizzi oħra, fejn il-persuna se tgħix u affarijiet bħal dawn).

Dan jista' jsir skond leġislazzjoni **f'kull stat u territorju,** bħall-*Att ta' Persuna li tieħu ħsieb il-propjetà ta' persuna oħra u Amministrazzjoni* fi Queensland u l-*Att ta' Propjetà Protetta* fi NSW. Il-persuna maħtura tista' tkun individwu, inkluż membru tal-familja. Madankollu, grupp bħal Guardianship Tribunal jaħtar biss lil xi ħadd jekk persuna b'diżabbiltà jkollha bżonn dak il-ħin. Tista' tapplika biex ikollok maniġer finazjarju jew xi ħadd li jieħu ħsieb meta tkun għadek ħaj, jew tista' tissuġġerixxi fit-testment li dan iseħħ.

Ordni ta' immaniġġar finanzjarju tista' tindirizza tħassib dwar immaniġġar ta' assi mogħtija lil persuna b'diżabbiltà. Maniġer finanzjarju jew xi ħadd li jieħu ħsieb huwa xi ħadd li 'jieħu ħsieb' il-persuna b'diżabbiltà. Meta tkun qed tikkonsidra min ikun jista' jieħu dawn il-karigi, l-istess konsiderazzjonijiet iqumu fl-għażla ta' trustee, imma waqt li int jkollok sehem f'min jinħatar, fl-aħħar mill-aħħar din hija deċiżjoni tal-Guardianship Tribunal (jew tribunal ieħor rilevanti) li jista' jikkonsidra lil xi ħaddieħor aktar adattat għax-xogħol.

Ara Taqsima 5 għad-dettalji ta' kuntatt ta' gruppi ta' persuni li jieħdu ħsieb il-propjeta' ta' persuni oħra f'kull stat li jistgħu jagħtuk aktar informazzjoni.

## X'inhi power of attorney (prokura)?

Attorney jinħatar permezz ta' dokument legali li jissejjaħ power of attorney (prokura). Attorney hija persuna li taħtar biex tieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji u l-assi tiegħek jekk għal xi raġuni ma tkunx lest biex tagħmel deċiżjonijiet jew jekk ma tkunx tista' tieħu aktar dawk id-deċiżjonijiet. Dan ifisser li huma jkunu jistgħu jħaddmu kontijiet tal-bank tiegħek, iħallsu l-kontijiet tiegħek u jixtru u jbiegħu assi jew isħma f'ismek.

## Min jista' jagħmel power of attorney?

Int tista' taħtar attorney. Dan jippermetti lil xi ħadd li jagħmel l-affarijiet li bħalissa int qed tagħmel għall-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà waqt li tkun għadek ħaj imma li ma tkunx tista' tibqa' tagħmel dawn l-affarijiet int stess. Dan ikun importanti jekk aktar tard tiżviluppa d-dimenzja jew ma tkunx tista' tagħmel aktar deċiżjonijiet.

Tista' tkun trid lil xi ħadd li jħares l-interessi tiegħek u li jħares l-interessi tal-persuna b'diżabbiltà kif kont tagħmel int. Għandek tinkludi direzzjonijiet lill-attorney dwar l-użu ta' l-assi tiegħek għall-benefiċċju tal-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà kif ukoll għall-benefiċċju tiegħek stess.

**Il-persuna b'diżabbiltà** tista' taħtar attorney (biex jagħmel deċiżjonijiet f'ismu jew f'isimha) jekk huwa jew hija jkun jista' jagħmel dan. Bħal maniġer finanzjarju, l-attorney jista' jgħinek b'immaniġġar finanzjarju u deċiżjonijiet.

Madankollu, jekk persuna b'diżabbiltà tkun tista' tikkontrolla l-affarijiet tagħha biżżejjed tant li tkun tista' taħtar attorney, int u membri oħra tal-familja anqas jista' jkollkom tħassib dwar l-abbiltà tagħha biex timmaniġġa l-affarijiet tagħha fil-futur.

**Il-persuna b'diżabbiltà ma tistax** taħtar attorney jekk huwa jew hija jkollha nuqqas ta' kapaċità biex tagħmel deċiżjonijiet. Jekk il-persuna b'diżabbiltà ma tkunx tista' tifhem in-natura ta' power of attorney u l-implikazzjonijiet tagħha, ma jkollhiex il-kapaċità legali biex tiffirma dokument bħal dan. F'dak il-każ, power of attorney mhix għażla biex ikunu immaniġġati l-assi tagħhom.

## Allura x'inhuma l-għażliet l-oħra jekk niddeċiedi li ma nagħtix l-assi direttament lill-membru tal-familja b'diżabbiltà?

Jekk rigal dirett mhux adattat, allura għażliet oħra huma:

- biex **informalment** tagħti l-assi lil tielet persuna għall-benefiċċju tal-persuna b'diżabbiltà, jew
- li tagħti l-assi lil tielet persuna biex tużahom għall-benefiċċju tal-persuna b'diżabbiltà **fuq bażi formali.** Dan jissejjaħ twaqqif ta' trust.

Eżempju tal-**mod informali** jkun rigal ta' assi lil tielet persuna f'testment – per eżempju, tħalli l-propjetà kollha tiegħek lil wieħed minn żewġt itfal bl-eċċezzjoni, li jew imsemmi fil-wirt jew sempliċiment 'mifhum' li t-tifel/tifla li jiret il-ġid jieħu ħsieb it-tifel/tifla b'diżabbiltà.

Bit-tama li xi ħaddieħor 'jagħmel dak li huwa sewwa' bl-assi li fuqhom ikollhom kontroll assolut jista' jagħti lok għal ħafna problemi. Arranġament bħal dan huwa ta' inċertezza kbira. Ma tistax tkun żgur li se jkun ta' benefiċċju għall-persuna b'diżabbiltà, u jista' jagħti lok għal varjetà ta' problemi oħra bħal m'hu appell tat-testment.

***Eżempju***

Yee Min għandha żewġt itfal. Binha, Tim, għandu bżonnijiet kbar ta' sapport u ma jistax jieħu ħsieb il-flus huwa stess. It-tifla tagħha, Sue, m'għandhiex diżabbiltà. Yee Min ħasbet li Sue tieħu ħsieb Tim, għalkemm ma iddiskutietx dan ma' Sue u ma qalet xejn fit-testment tagħha. It-testment ta' Yee Min ta kollox lil Sue.

Fil-fatt, Sue ma ħadet l-ebda interess f'Tim wara li ommha mietet u ma wżat l-ebda flus minn t'ommha għal benefiċċju ta' Tim. Anke jekk Yee Min qalet lil Sue dak li kienet tistenna, jew qalet fit-testment 'Nixtieqek li tieħu ħsieb Tim', Sue ma kellha l-ebda obbligazzjoni legali li tieħu ħsieb Tim.

(F'sitwazzjoni bħal din, Tim jista' jappella t-testment, bl-għajnuna ta' xi ħaddieħor fil-ħajja tiegħu, bħal provditur ta' servizz jew xi ħadd li jirrappreżentah).

Il-mod formali ta' l-użu ta' trust huwa ħafna aħjar minn mod informali. It-taqsima li ġejja f'dan il-ktejjeb tipprovdilek aktar informazzjoni iddettaljata dwar kif twaqqaf trusts.

# It-3 Taqsima

## *Kif jitwaqqaf trust (fond)*

Hemm ħafna kwalitajiet differenti ta' trusts u ħafna affarijiet li trid taħseb dwarhom qabel twaqqaf trust. Din it-taqsima għandha l-għan li tgħinek tiddeċiedi jekk trust hux tajjeb għalik.

Il-ktejjeb *'Trusts ta' diżabbiltà speċjali – Kif tirranġa l-affarijiet'* jipprovdi dettalji dwar trusts ta' diżabbiltà speċjali u kif id-dħul ġdid ta' konċessjonijiet ta' sapport jistgħu jgħinu familji li jkunu jixtiequ jipprovdu għajnuna għal dawk b'diżabbiltà severa.

L-informazzjoni li ġejja tagħtik informazzjoni ġenerali dwar trusts.

## X'inhuma l-kwistjonijiet bażiċi ta' trust?

Trust huwa kunċett legali li jinvolvi arranġamenti li jistgħu jidhru kumplessi imma fil-fatt huma sempliċi ħafna.

**Trust huwa obbligazzjoni legali li titpoġġa fuq persuna, imsejħa trustee, biex tħares l-assi tat-trust f'isem persuna oħra jew numru ta' nies, imsejħa benefiċjarju jew benefiċjarji.**

Xi nies iqisu trust bħala xi ħaġa suspettuża għaliex ħafna drabi trusts jintużaw biex inaqqsu t-taxxa. Trusts bħal dawn jistgħu jkunu ikkumplikati ħafna. Dan l-użu ta' trusts ifisser li regoli tat-taxxa li jaffettwaw it-trusts jistgħu jkunu diffiċli biex timmaniġġa.

**Madankollu, ma jfissirx li trust mhux tajjeb biex tipprovdi għajnuna għall-bżonnijiet ta' persuna b'diżabbiltà.**

Fil-fatt, trust huwa mod tajjeb ħafna biex tikkontrolla assi għall-benefiċċju ta' persuna b'diżabbiltà. Trust jista' jibqa' jħares xi interessi ta' persuna b'diżabbiltà wara li int tmut. Hija struttura li twaqqaf int biex topera qabel jew wara l-mewt tiegħek, li tista' tkompli taħdem fil-futur.

Jekk tkun iddeċidejt li tuża trust biex jipprovdi għal membru ta' familja b'diżabbiltà, id-deċiżjonijiet ewlenin li għandek tagħmel huma:

- Min se jkunu t-trustees?
- Kif se nqassam l-assi tiegħi biex inkun ġust mal-persuna b'diżabbiltà u mal-membri l-oħra tal-familja?
- X'akkomodazzjoni u x'għażliet ta' kura għandi nipprovdi?
- Kemm għandi nuża diskrezzjoni u direzzjoni mat-trustee?

Dawn il-mistoqsijiet huma diskussi f'din it-taqsima.

## X'jagħmlu t-trustees (depożitarji)?

Hemm regoli stabbiliti dwar id-drittijiet u d-dmirijiet ta' trustees u d-drittijiet ta' benefiċjarji.

In-natura ta' trust hija li tissepara s-**setgħa ta' kontroll ta' assi mid-dritt ta' benefiċċju minn dawk l-assi.** Ġeneralment:

- it-trustee għandu d-dritt fil-linji gwida issettjati mit-trust li jikkontrolla u jamministra l-assi, **imma għall-benefiċċju biss tal-benefiċjarju**; u
- il-benefiċjarju għandu d-dritt li jibbenifika mill-assi, imma mhux is-setgħa li jikkontrolla l-assi tat-trust.

Il-persuna b'diżabbiltà għalhekk tista' tibbenifika mill-assi mingħajr ir-riskji involuti li jkollha kontroll dirett fuq l-assi. Dawn ir-riskji jinkludu:

- esplojtazzjoni jew abbuż, jekk il-persuna b'diżabbiltà tkun vulnerabbli;
- ma jsirx dak kollu possibbli bl-assi disponibbli; u
- x'jista' jiġri lill-assi wara l-mewt tal-persuna b'diżabbiltà speċjalment jekk il-persuna b'diżabbiltà ma tkunx tista' tagħmel testment.

***Eżempju***

Jeannine twaqqaf trust għall-assi tagħha. In-neputi tagħha Sam jikkontrollah bħala trustee għall-benefiċċju ta' binha Ben, li jkollu diżabbiltà. Tkun id-deċiżjoni ta' Sam jekk u meta juża l-flus tat-trust. Ben jista' jitlob lil Sam għal flus, jew nies oħra (bħal membri oħra tal-familja jew ħaddiema ta' kura) jistgħu jitolbu flus f'isem Ben.

Sam jista' juża flus mit-trust għal benefiċċju ta' Ben anke jekk Ben ma jitlobx għall-għajnuna. Tkun id-deċiżjoni ta' Sam kif jinvesti l-flus: jekk jinvestix għaż-żmien fit-tul jew jekk iżommx ftit tal-flus jew il-flus kollha li jkun hemm għal bżonnijiet ta' Ben, skond kif Sam jaħseb li se jkunu l-bżonnijiet ta' Ben.

## Kif jitwaqqaf trust?

Jekk qed twaqqaf trust biex jopera dment li tkun ħaj, trid tipprepara **trust deed (att ta' fadekommess)**. L-att huwa dokument legali li:

- jidentifika min huwa l-fundatur tat-trust, min huwa t-trustee u min jibbenifika mit-trust (imsejħa benefiċjarji);
- jipprovdi dettalji ta' kif l-assi tat-trust se jintużaw għall-benefiċjarji; u
- jissettja s-setgħat varji tat-trustees.

Tista' twaqqaf ukoll trust permezz ta' testment biex it-trust ma jibdiex jopera qabel tmut int. Tista' tagħmel dan billi tikteb dan fit-testment tiegħek jew billi tirreferi għalih fit-testment tiegħek f'dokument separat li jkun fih it-termini kollha tat-trust.

**Qabel twaqqaf trust, għandek tikseb parir legali u finanzjarju xieraq.** L-użu ta' trust deed (per eżempju t-trust ta' diżabbiltà speċjali bħala kampjun fil-ktejjeb *Trusts ta' Diżabbiltà Speċjali – Kif tirranġa l-affarijiet)* jista' ma jkunx tajjeb għaċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek.

## Lil Min għandi naħtar bħala t-trustee?

**Il-ħatra ta' trustee hija x'aktarx l-aktar deċiżjoni importanti li tagħmel meta twaqqaf trust għal persuna b'diżabbiltà.**

**Strutturi legali ma jiżgurawx li wieħed ikun qed jagħmel xi ħaġa tajba. Għalhekk, li tagħżel in-nies li jagħmlu ħaġa sewwa huwa importanti ħafna.**

It-trustee huwa l-persuna li tagħmel deċiżjonijiet minflokok, għalhekk għandek tiżgura li jifhmu u jaqsmu l-ħsibijiet tiegħek dwar kif il-membru tal-familja tiegħek jista' jkun imħares l-aħjar bit-trust. It-trustee tiegħek għandu jkun xi ħadd li jagħmel deċiżjonijiet konsistenti skond ix-xewqat tiegħek sakemm tista' tara int.

Per eżempju:

- Jekk temmen li l-fondi disponibbli għandhom jitqassmu b'mod ġeneruż u tikkunsidra l-aspetti kollha tal-ħajja ta' persuna, jista' ma jkunx vijabbli li jkollok lil xi ħadd bħal trustee li ma jemminx li huwa importanti għal persuna b'diżabbiltà li jkollha vaganzi, li jkollha TV jew CD player. (Jekk it-trust huwa Special Disability Trust, jista' jħallas biss għal kura u akkomodazzjoni).
- Jekk temmen li l-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà għandu jgħix independentament kemm jista' jkun possibbli, tista' ma tkunx idea tajba li taħtar trustee li jaħseb li nies b'diżabbiltà għandhom jgħixu f'istituzzjoni jew dar għal nies bħal dawn.

Għalhekk l-ewwel konsiderazzjoni hija li tagħżel trustee li jkun simpatetiku għall-bżonnijiet u x-xewqat murija mill-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà u għall-viżjoni tiegħek tal-futur u għal mod tiegħek kif tiffaċċja l-kwisjtonijiet li huma ta' importanza għalik. Jekk tinvolvi oħrajn fil-viżjoni tiegħek u l-ippjanar, kif diskuss fl-1 Taqsima, x'aktarx li tkun identifikajt persuna xierqa bħala trustee. Jekk tkun għamilt 'lista ta' xewqat' għal persuna bi bżonnijiet kbar ta' sapport, din tista' tgħin lit-trustee li jkompli jagħmel deċiżjonijet fl-aħjar interessi tal-persuna. Tista' tixtieq ukoll li jkollok aktar minn trustee wieħed.

Madankollu hemm fatturi oħra li għandek iżżomm f'moħħok li jistgħu jkunu ta' użu meta jkollok trustee.

- **Persuna Żagħżugħa:** jekk it-trust ikun se jibqa' sakemm iddum ħajja l-persuna b'diżabbiltà, ikun sensibbli li taħtar trustee bejn wieħed ieħor ta' l-età tal-persuna bid-diżabbiltà. X'aktarx li din il-persuna tibqa' ħajja daqs il-persuna b'diżabbiltà.
- **Sens ta' negozju:** jekk persuna tifhem dwar negozju, u pariri legali u finanzjarji, tista' tkun għażla tajba bħala trustee. Il-kapaċitajiet tagħhom jgħinuhom biex jieħdu ħsieb it-trust b'mod effettiv fuq perjodu twil.
- **Indipendenza:** idealment, it-trustee m'għandux ikollu konflitt ta' interess li jista' jikkaġuna lit-trustee li jieħu ħsieb l-interessi tiegħu jew tagħha, jew dawk ta' nies qrib tiegħu jew tagħha, minflok l-interessi tal-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà.

### *Eżempju*

Eċċezzjoni ta' wirt ta' xi flus li ma jintefaqx fuq il-persuna b'diżabbiltà tista' tqajjem konflitt ta' interess: anqas ma jintefaq fuq il-persuna b'diżabbiltà, aktar it-trustee jiret fiż-żmien fit-tul.

Kull involviment f'organizzazzjoni li tipprovdi akkomodazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà jista' jqajjem konflitt ta' interess. Il-pożizzjoni tat-trustee fl-organizzazzjoni tista' tkun fuq l-interessi tal-persuna b'diżabbiltà jekk ikun hemm kwistjoni fejn il-persuna għandha toqgħod jew ilment kontra l-organizzazzjoni.

Li tagħżel trustees li jkunu indipendenti, jipprovdu salvagwardji siewja biex jiżguraw li jservu l-aħjar interessi tal-persuna b'diżabbiltà.

- **Interess fil-persuna b'diżabbiltà:** huwa importanti ħafna li jkollok trustee li jkun jaf lill-persuna b'diżabbiltà, li jkun f'kuntatt regolari miegħu jew magħha, u jkun jaf sewwa l-bżonnijiet tiegħu jew tagħha. Trustee li joqgħod fuq informazzjoni minn persuna oħra dwar x'inhuwa meħtieġ ma jkunx ippreparat biżżejjed biex jamministra t-trust. It-trustee għandu jżomm ruħu aġġornat bl-ideat jinbidlu u l-għarfien dwar kif l-aħjar jissapportja lill-persuna b'diżabbiltà.
- **Kompatibiltà:** Jekk ikun hemm aktar minn trustee wieħed, it-trustees iridu jkunu jmorru tajjeb ma' xulxin. Kull kwistjoni serja li tqum bejn it-trustees tista' tispiċċa fil-qorti, u jkun mixtieq ħafna li dan ma jseħħx.

Li jkollok dawn il-kwalitajiet kollha huwa ideali; madankollu, mhux essenzjali. Jista' jkun diffiċli li ssib persuna waħda b'dawn il-kwalitajiet kollha. Xi wħud minn dawn il-kwalitajiet jistgħu jkunu aktar importanti għalik minn oħrjan. Tista' tkun trid li tagħżel aktar minn persuna waħda bħala trustee biex ikollok taħlita ta' kwalitajiet li l-aħjar jilħqu l-bżonnijiet tiegħek.

## Min jista' jkun trustee?

Dawn huma l-għażliet biex taħtar trustees, u xi ftit mill-vantaġġi u l-iżvantaġġi.

- **Membri tal-familja:** l-aħwa subien jew bniet tal-persuna b'diżabbiltà jkunu ta' l-istess ġenerazzjoni u ssoltu jkollhom interess mill-qirb fil-welfare ta' ħuthom. Għalhekk huma għażla naturali bħala trustees. Madankollu, membri tal-familja jistgħu jkollhom konflitt ta' interess għaliex ħafna drabi jkunu f'pożizzjoni li jibbenefikaw minn kull fondi li jibqgħu wara l-mewt tal-persuna b'diżabbiltà.

  **Dan ma jfissirx li ħafna membri tal-familja ma jagħmlux 'dak li huwa xieraq' fiċ-ċirkustanzi kollha,** imma hija kwistjoni ta' min jaħseb dwarha. Ħafna ġenituri jgħidu li jafdaw lill-uliedhom imma ma jafux lil min jistgħu jiżżewġu. Aspettazzjonijiet ta' membri tal-familja bħala trustees għandhom ikunu diskussi fil-familja biex ikunu evitati problemi.

  Konflitt ta' interess possibbli huwa raġuni għaliex tista' **tibbilanċja membru tal-familja bħala trustee ma' xi ħadd aktar indipendenti.** Zijiet jew kuġini tal-persuna b'diżabbiltà jistgħu jkunu aktar indipendenti għaliex anqas jista' jkollhom interess finanzjarju fil-futur. Membri tal-familja anqas jistgħu jiċċarġjaw miżati għas-servizzi tagħhom minn trustees potenzjali. (Jekk it-trust huwa trust ta' diżabbiltà speċjali, membri immedjati tal-familja ma jistgħux jitħallsu għas-servizzi tagħhom).
- **Ħbieb jew nies oħrajn involuti fil-ħajja tal-persuna b'diżabbiltà:** ħafna drabi ħbieb ikollhom interess ġenwin fil-ħajja tal-persuna b'diżabbiltà mingħajr ma jkollhom xi konflitt ta' interess. Għalhekk jistgħu jkunu trustees tajba, jew wieħed minn numru ta' trustess, biex jipprovdu bilanċ siewi. L-inkoraġġiment ta' network b'saħħtu ta' nies madwar il-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà jista' jipprovdi kandidati tajbin bħala trustees aktar tard (jew jista' jfisser li n-network informali jkun biżżejjed mingħajr ma jitwaqqaf trust).
- **It-Trustee Pubbliku jew kumpaniji ta' trustee privati:** It-Trustee Pubbliku f'kull stat u territorju, jew kumpaniji ta' trustee privati, jistgħu jipprovdu servizzi ta' trustee u għandhom esperjenza ħafna kif jagħmlu dan. Mistennija li jkollhom veduta oġġetiva dwar dak li jkun ta' benefiċċju f'kull ċirkustanzi u kapaċità finazjarja sostanzjali.

It-Trustee Pubbliku u kumpaniji ta' trustee jiċċarġjaw ħlasijiet għas-servizzi tagħhom (dawn jistgħu jkunu flus li jintefqu tajjeb għall-vantaġġi li jġibu magħhom) u ma jkollhomx xi interess personali mill-qrib mal-persuna b'diżabbiltà. Jiddependu fuq nies oħrajn li jipprovdu informazzjoni bħala bażi għad-deċiżjoni fejn jużaw fondi ta' trust li hemm. Dan ifisser li l-kumpaniji ta' trustee ikunu aktar remoti, speċjalment jekk ma jkunx hemm xi trustee ieħor attivament involut mal-persuna b'diżabbiltà.

Dettalji ta' kuntatt għall-aġenziji ta' Trustee Pubbliku f'kull stat u territorju huma ipprovduti f'Taqsima 5 ta' dan il-ktejjeb.

- **Dawk li jagħtu pariri professjonali:** l-avukat jew accountant tiegħek jista' jkun kandidat ieħor bħala trustee indipendenti, imma x'aktarx jiċċarġjaw għas-servizzi tagħhom u jista' ma jkollhomx involviment dirett fil-ħajja tal-persuna b'diżabbiltà jew għarfien ta' kwistjonijiet ta' diżabbiltà.
- **Trustees Korporattivi:** dawk li jagħtuk pariri jistgħu jirrakomandaw li għandek twaqqaf kumpanija biex tkun it-trustee. F'dak il-każ, il-kunsiderazzjonijiet dwar min għandu jkun trustee japplikaw għan-nies li jkunu diretturi ta' dik il-kumpanija.

Meta tikkunsidra dawn il-kandidati varji, kultant huwa neċessarju li tagħmel għażliet diffiċli u mhux dejjen ikun hemm għażla tajba.

## Kemm nista' naħtar trustees?

Tista' taħtar aktar minn trustee wieħed biex ikollok firxa ta' kapaċitajiet u abbiltajiet. Per eżempju, tista' taħtar trustee membru tal-familja li jkollu kuntatt regulari mal-persuna b'diżabbiltà u tista' taħtar ukoll kumpanija ta' trustees li jkollha l-kapaċità finanzjarja biex tħares l-assi tat-trust u li tibqa' teżisti sakemm iddum ħajja l-persuna b'diżabbiltà.

Jew tista' taħtar tliet individwi li jipprovdu kwalitajiet differenti li jkollok bżonn u wkoll jistgħu jżommu lil xulxin onesti dwar l-avvanz ta' l-interess tal-persuna b'diżabbiltà.

### *Eżempju*

Margaret għandha diżabbiltà intellettwali u għandha bżonn l-għajnuna biex timmaniġġa l-flus. Ommha, Christine, tikkonsidra lil min tista' taħtar bħala trustees.

Ħu Margaret, Paul, jieħu interess mill-qrib f'Margaret, u Christine hija kunfidenti li dejjem jagħmel dak li huwa l-aħjar għal Margaret, anke jekk ma jirċievi xejn milli jibqa' fit-trust ta' Margaret wara li Margaret tmut. Madankollu, Paul għandu 20 sena biss u mhux tajjeb biex jimmaniġġa l-flus huwa stess, għalkemm Christine taħseb li jimmatura hekk kif jikber.

Oħt Christine, Julie tmur tajjeb ħafna ma' Paul u Christine taħseb li tkun bilanċ tajjeb għal Paul bħala trustee.

L-accountant ta' Christine, Bruce, kien involut fl-ippjanar ta' l-affarijiet finanzjarji tagħha biex jiżgura li l-futur ta' Margaret ikun imħares sewwa. Christine tikkunsidrah ukoll bħal trustee.

Tiddeċiedi li taħtarhom it-tlieta kollha minħabba t-taħlita ta' indipendenza u l-involviment mill-qirb ma' Margaret. Hija taħseb ukoll li jmorru tajjeb ħafna ma' xulxin u tħoss li hija ħaġa sewwa lil tħallas lil Bruce għal ħin professjonali tiegħu.

M'hemmx limiti għan-numru ta' trustees li tista' taħtar, imma minn naħa prattika, aktar minn tlieta mhux mixtieq.

Il-vantaġġ ta' tliet trustees minflok tnejn huwa li kull nuqqas ta' qbil jista' jkun solvut bil-maġġoranza (imma biss jekk it-trust deed jew it-testment jippermetti dan) għalhekk ma jkunx hemm falliment ta' ftehim.

## X'jiġri jekk it-trustee jmut jew ma jkunx jista' jaċċetta l-ħatra?

Tista' tispeċifika fit-trust deed jew fit-testment min jista' jaħtar trustees jew jibdel trustees. Ħafna drabi dan ikun wieħed jew aktar mit-trustees infushom. Jekk tqum sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm trustee, l-Atti tat-Trustee f'kull stat u territorju jispeċifikaw min jieħu f'idejh it-trust u jekk dawk il-proviżjonijiet ma jaħdmux il-qrati jingħataw is-setgħa li jaħtru trustees.

Biex ikun żgurat li t-trustees huma nies li tagħżel int (sakemm ikun possibbli), huwa importanti li tispeċifika min ikunu t-trustess li jieħdu post ħaddieħor u kif ikunu maħtura.

## Xi kwistjonijiet importanti u prattiċi meta twaqqaf trust

Hemm żewġ kwistjonijiet ġenerali li għandek iżżomm f'moħħok meta twaqqaf trust.

- **Jekk qed twaqqaf trust waqt li tkun għadek ħaj, tista' taffordja li tpoġġi assi fit-trust?** Iġifieri, tista' tgħaddi mingħajr dawk l-assi fil-ħajja rtirata tiegħek. Meta, darba jingħataw lit-trust, int ma jkollokx il-poter li tikkontrolla dawk l-assi fil-futur jew teħodhom lura għall-benefiċċju tiegħek. Ikunu allokati għall-benefiċċju tal-persuna b'diżabbiltà.

> ***Eżempju***
>
> Silvio u Anna jridu jipprovdu għajnuna għal binhom Marco li għandu diżabbiltà. Huma rtirati u għandhom dar u xi flus mis-superannuation tagħhom. Jaħsbu biex imorru jgħixu ma' binhom l-ieħor Tony, ibiegħu darhom, u mbagħad ipoġġu l-flus fi trust għal Marco. Jaraw persuna li tagħti pariri finanzjarji li tindikalhom, li jekk għal xi raġuni ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu ma' Tony f'xi żmien fil-futur, ikollhom problema: ma jkunux jistgħu jieħdu l-flus lura mit-trust biex jużawhom huma, għalhekk jista' jagħti l-każ li ma jkunux kapaċi jaffordaw dar oħra fejn jirtiraw.
>
> Jistgħu jiddeċiedu li jwaqqfu t-trust għal Marco issa imma ma jpoġġux flus ħafna fih. Dak li jagħtihom il-pariri jgħidilhom dwar l-ispejjeż u x-xogħol tal-karti involut biex ikun operat trust, li jkollhom bżonn jibbilanċjaw bejn dak li jħossu bħala sigurtà talli jwaqqfu trust issa u li jkunu jafu li għamlu l-aħjar li setgħu għal Marco.
>
> Huma jiddeċiedu minflok li jżommu l-flus f'investimenti f'isimhom, fil-każ li xi darba jkollhom bżonnhom, u li jpoġġu flus fi trust għal Marco permezz tat-testmenti tagħhom wara li t-tnejn ikunu mietu.

- **Trusts ma joħolqux għażliet li ma jeżistux.** Waqt li twaqqaf struttura ta' trust tista' tkun ta' benefiċċju, dan jiddependi mill-assi tiegħek jew minn ta' oħrajn li jkunu lesti li jpoġġu assi fit-trust għall-benefiċċju tal-persuna b'diżabbiltà. Is-setgħat tat-trustee huma limitati skond l-assi li jkun hemm fit-trust. Li taħtar persuna bħala trustee għal persuna b'diżabbiltà ma jagħtix lil dik il-persuna xi drittijiet fin-natura ta' persuna li tieħu ħsieb propjeta' ta' ħaddieħor jew immaniġġar finanzjarju f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi assi li l-persuna b'diżabbiltà jkollha direttament.

***Eżempju***

James għandu diżabbiltà għaliex korra serjament f'aċċident tal-karozza u ma jistax jaħdem aktar. Għandu d-dar tiegħu u għandu ammont xieraq ta' flus li kien faddal qabel l-aċċident. James kapaċi jimmaniġġa l-biċċa l-kbira ta' l-affarijiet tiegħu b'għajnuna minn oħtu Susan.

Susan tiddeċiedi li twaqqaf trust għal James u taħtar lit-tifla tagħha Sarah bħala trustee. Sarah trid li tipproteġi lil James, billi hija mħassba li jkun esplojtat.

Li tkun trustee tat-trust ta' James ma jagħtix lil Sarah id-dritt li tikkontrolla l-assi personali ta' James. L-għażliet huma li taħdem ma' James biex tgħinu jipproteġi l-flus tiegħu jew li tapplika għand il-Guardianship Tribunal fl-istat rilevanti biex ikun hemm maniġer finanzjarju maħtur għal James (li tista' tkun Sarah jew xi ħaddieħor) biex jikkontrolla l-flus tiegħu.

## Kif inqassam l-assi tiegħi bejn membri tal-familja?

Jekk il-persuna b'diżabbiltà hija l-uniku tifel/tifla tiegħek, probabbilment din ma tkunx kwistjoni kbira: tista' tagħti l-propjetà kollha tiegħek lil ibnek jew lil bintek, permezz ta' trust jew permezz tat-testment tiegħek, mingħajr tħassib dwar klejms ta' kontestazzjoni.

Madankollu, jekk il-persuna b'diżabbiltà hija waħda minn numru tat-tfal, il-ġenituri u membru oħra tal-familja għandhom jikkunsidraw sewwa kif jieħdu ħsieb dawk it-tfal l-oħra kif ukoll il-persuna b'diżabbiltà.

Issoltu, l-istruttura ġenerali tkun:

- tistabbilixxi kemm se jmur għal kull tifel/tifla tal-familja;
- poġġi dak li jmiss lill-persuna b'diżabbiltà fi trust (issa, jew permezz tat-testment tiegħek); u
- inkludi proviżjon ta' assi miżmuma mit-trust, biex imorru għall-membri l-oħra tal-familja jew għal karità jew għal kull min tikkonsidra jkun xieraq.

Li tiddeċiedi kif taqsam l-assi tiegħek bejn membri tal-familja jista' jkun diffiċli ħafna u dan jiddependi minn affarijiet bħal:

- x'assi hemm biex jinqasmu – aktar ma jkun hemm, aktar ikun faċli biex tibbilanċja l-interessi ta' kulħadd;
- x'assi l-persuna b'diżabbiltà għandha bħala dritt assolut tagħha u xi dħul x'aktarx tirċievi fil-futur;
- x'arranġamenti ta' akkomodazzjoni saru għall-persuna b'diżabbiltà u kemm huma siguri dawk l-arranġamenti;
- jekk id-dar tiegħek, li ħafna drabi tkun l-investiment ewlieni, għandhiex tinżamm għall-persuna b'diżabbiltà;
- konsiderazzjonijiet tas-sigurtà soċjali, inkluż l-possibiltà ta' tibdil għar-regoli tas-sigurtà soċjali fil-futur;
- bidliet possibbli f'servizzi li hemm għal nies b'diżabbiltà, tal-gvern jew tal-privat, fil-futur;
- kull meta tkun trid tipprovdi riżorsi addizzjonali għall-persuna b'diżabbiltà u tipposponi l-interessi tat-tfal l-oħra sakemm il-persuna b'diżabbiltà tkun mietet jew inkella ma tkunx trid aktar is-sapport ta' trust; u

- il-bżonnijiet ta' nies oħrajn fil-familja, bħal m'huma tfal iżgħar li jkollhom bżonn ikomplu l-edukazzjoni tagħhom jew tfal kbar li jkollhom ukoll bżonn sapport.

Li tagħti l-biċċa l-kbira ta' l-assi tiegħek lil trust (għal ibnek jew għal bintek b'diżabbiltà) jista' jirriżulta f'dewmien fit-tul qabel it-tfal l-oħra tiegħek jibbenefikaw. Jiddependi ħafna fuq jekk humiex stabbiliti biżżejjed u humiex jipprovdu biżżejjed għalihom infushom jew jekk għandhomx bżonn għajnuna. Nies differenti jsolvu dawn il-problemi b'modi differenti: għal darba oħra m'hemmx tweġiba tajba waħda.

Għal xi ġenituri, l-aħjar soluzzjoni hija li jagħtu aktar lil binhom jew lil binthom b'diżabbiltà għaliex il-bżonnijiet (jew inċertezzi dwar il-bżonnijiet tagħhom) huma akbar u għandhom anqas opportunità biex jipprovdu għalihom infushom imqabbla mat-tfal l-oħra tagħhom. Anke jekk persuna b'diżabbiltà għandha dak li jidher akkomodazzjoni sigura, jekk dawn l-arranġamenti jinbidlu jistgħu jkunu meħtieġa fondi privati ta' akkomodazzjoni, li jistgħu jkunu għoljin ħafna, għalhekk li toħloq fond ta' riserva għal dan jista jkun prijorità. Li tħallas spejjeż għal sapport biex tissuplimenta fondi minn naħa tal-gvern jista' jkun għoli ħafna wkoll.

Ġenituri oħra jħossu li meta jagħtu l-istess hija l-aħjar ħaġa li għandek tagħmel, biex tkun ġust ma' kulħadd: id-diżabbiltà mhix raġuni biex tifel/tifla jieħu aktar jew inqas. Xi ġenituri jiddeċiedu li jagħtu parti akbar tal-propjetà tagħhom lit-tfal l-oħra jekk it-tifel/tifla b'diżabbiltà ikollu fejn joqgħod tajjeb biżżejjed u jkun jidher li se jibqa' hemm fil-futur.

Id-deċiżjonijiet tiegħek jistgħu jinbidlu fi żminijiet differenti kif jinbidlu ċ-ċirkustanzi.

### *Eżempju*

Alex u Rita għandhom żewġt itfal: Anne, 12, u Peter, 15. Peter għandu diżabbiltà intellettwali. Huwa diffiċli biex tiddetermina x'arranġamenti Peter ikollu bżonn. Jekk jiġri xi ħaġa lil Alex u lil Rita, waqt li Anne għadha żgħira, Anne jkollha wkoll bżonn sapport biex tispiċċa l-edukazzjoni tagħha. Alex u Rita jiddeċiedu li jaqsmu l-projetajiet tagħhom indaqs u li jaħtru trustees biex jieħdu ħsieb il-parti ta' Peter u wkoll li jaħtru trustees għal parti ta' Anne (li tkun tista' tuża l-flus biex tħallas għall-edukazzjoni) jekk hija tkun anqas minn 21 sena meta Alex u Rita jmutu.

Għaxar snin wara, Alex u Rita jerġgħu jikkonsidraw it-testmenti tagħhom. Anne issa hija fi stadju 'l quddiem biex tkun indipendenti. Peter qed f'dar ta' grupp u jidher li se jkompli joqgħod hemmhekk indefinittavament. Madankollu, Alex u Rita jħossu li waqt li Peter jista' jkollu bżonn aktar fondi fil-futur jekk l-arranġamenti fejn joqgħod jinbidlu xi darba, huwa xieraq li issa jagħtuh żewġ terzi ta' l-assi tagħhom.

Hemm ħafna arranġamenti possibbli biex tidħol fihom fid-dettal hawnhekk. Dak li jaqbel għall-viżjoni u ċ-ċirkustanzi tiegħek huwa kwistjoni ta' konsiderazzjoni bil-għaqal meta tkun qed tipprepara testment jew twaqqaf trust. Parir legali u finanzjarju xieraq jista' jgħinek biex tħares lejn is-sitwazzjoni partikulari tiegħek.

Huwa importanti li titkellem bil-miftuħ dwar dawn il-kwistjonijiet ma' dawk kollha konċernati (inkluża l-persuna b'diżabbiltà kemm jista' jkun possibbli) u tasal fi ftehim dwar dak li jiġri. Dan jiżgura li ma jkun hemm sorpriżi għal ħadd wara mewtek. Jekk ikun hemm konflitt fil-familja u jkollok bżonn għajnuna biex issolvih, tista' tikseb sapport mis-servizzi ta' Medjazzjoni għall-Familja u Pariri li hemm f'kull stat u territorju.

Skond l-inizjattiva għas-Servizzi ta' Relazzjonijiet tal-Familja u Dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd, hemm fondi pprovduti għal servizzi ta' medjazzjoni u pariri biex jgħinu lil ġenituri u membri oħra tal-familja jilħqu ftehim dwar arranġamenti ta' provizjonijiet privati, u biex jgħinu familji jsolvi konflitt tal-familja u jinnegozjaw ftehim fl-aħjar interess tal-familja kollha.

Għal aktar informazzjoni mur f'Taqsima 6.

## Kif forom differenti ta' akkomodazzjoni għandhom x'jaqsmu ma' dan?

Bħalissa hemm talba kbira għal akkomodazzjoni għal nies bi bżonnijiet ta' sapport kbir. L-għażliet huma limitati u ħafna drabi ta' nkwiet kbir għall-familji li jikkunsidraw – per eżempju, kura fit-tul f'nursing homes, f'hostels u f'istituzzjonijiet ta' diżabbiltà.

Stati u territorji qegħdin jintroduċu bidliet, b'rispons għall-bżonnijiet identifikati minn nies b'dizabbiltà u l-familji tagħhhom, biex jipprovdu aktar għażliet xierqa għal nies b'diżabbiltà. M'hemmx 'mudell wieħed li japplika għal kulħadd'; l-aħjar mod huwa li tkun ipprovduta varjetà ta' għażliet ta' akkomodazzjoni biex taqbel mal-bżonnijiet individwali ta' kull persuna. Dawn l-għażliet jinkludu għejxien indipendenti b'xi għajnuna; akkomodazzjoni li tinqasam ma' persuna oħra, b'diżabbiltà jew le, bis-sapport meħtieġ; akkomodazzjoni indipendenti b'kull stat/territorju jagħti sapport individwali ta' 24 siegħa permezz tad-Dipartiment tad-Djar (Department of Housing); jew li tibqa' fid-dar tal-familja b'għajnuna u sapport kif meħtieġ.

Xi familji qegħdin jaraw li jipprovdu akkomodazzjoni sostanzjali għall-membru tal-familja tagħhom billi jesploraw ma' familji oħra mudell fejn riżorsi jingħaqdu flimkien biex jipprovdu arranġamenti xierqa ta' għejxien flimkien. Hemm numru żgħir ħafna ta' organizzazzjonijiet żviluppati u immaniġġati mill-familji li qegħdin jiżviluppaw metodi innovattivi biex jiżviluppaw għażliet ta' akkomodazzjoni għall-membri tal-familja b'diżabbiltà li jkopru kemm sapport informali u anke sapport formali.

Meta tħares lejn kif trust jissapportja għażliet ta' akkomodazzjoni, huwa importanti li tifhem li meta toħloq trust, jew waqt li tkun ħaj jew permezz ta' testment, ma toħloqx riżorsi ġodda. Biex ikollok ċertezza xierqa f'dak li għandu x'jaqsam ma' akkomodazzjoni disponibbli għal membru tal-familja b'diżabbiltà, għandek tagħmel dawn l-arranġamenti int stess biex ikunu hemm meta jqum il-bżonn. Huwa importanti madankollu, li tħalli lit-trustee bi flessibiltà biżżejjed biex jirrispondi għax-xewqat u l-bżonnijiet jinbidlu tal-persuna u għal ideat ġodda dwar kif l-aħjar jissapportaw in-nies.

Għal nies b'diżabbiltà intellettwali li qegħdin 'fis-sistema', b'akkomodazzjoni pprovduta minn organizzazzjoni ta' servizz jew tal-gvern li x'aktarx tkompli topera, din il-kwistjoni tista' tidher solvuta. Madankollu, dejjem hemm il-possibiltà li s-sitwazzjoni tista' tinbidel fil-futur. Per eżempju, l-akkomodazzjoni kurrenti ma tibqax aktar adattata f'10 snin jew l-organizzazzjoni ta' servizz tista' tagħlaq jew tibdel il-mod kif tipprovdi s-servizzi.

Għal ġenituri li t-tifel jew tifla tagħhom b'diżabbiltà jkun għadu joqgħod magħhom fid-dar, id-diffikultà tkun dwar kif ikomplu jipprovdu kura waqt li l-ġenituri jsiru anzjani. Madankollu, bidla f'daqqa fiċ-ċirkustanzi tista' tqum meta l-ġenituri jmutu u l-persuna b'diżabbiltà jkollha bżonn tmur toqgħod f'akkomodazzjoni ġdida stranġiera.

Li torganizza aċċess għal kull forma ta' akkomodazzjoni xieraq u disponibbli huwa pass importanti ħafna. Jista' jkun tajjeb li tagħmel dan qabel it-trust jew it-testment ikun effettiv. Għandek tagħti lit-trustee(s) is-setgħa li jikseb kull forma ta' akkomodazzjoni li tkun xierqa, b'linji gwida għal dak li tixtieq tara jseħħ inti, jekk ikun possibbli.

Jista' jkollok bżonn assi disponibbli għal:

- inxurans, rates, manutenzjoni u spejjeż oħra li għandhom x'jaqsmu ma' fejn toqgħod; u
- is-servizzi neċessarji ta' kura u sapport.

M'hemmx skop li tipprovdi post fejn toqgħod għall-persuna b'diżabilltà jekk ma jeżistux mezzi biex iżżomm dak il-post fejn toqgħod, jew biex tissapportja lill-persuna b'diżabbiltà tibqa' hemmhekk. Jekk ma jkunx hemm flus biżżejjed għal dawn l-affarijiet, l-arranġamenti tiegħek ma jdumux u l-assi jistgħu jkollhom jinbiegħu għal fondi ta' xiri ta' xi ħaġa aktar adattata. Il-flus biex tħallas għall-ispejjeż jistgħu jiġu minn dħul ta' trust jew mill-flus tal-persuna b'diżabbiltà, bħal m'hu dħul ta' flus, flus imfaddla jew ħlasijiet tas-sigurtà soċjali.

Sapport jew servizzi ta' kura ħafna drabi jiswew ħafna flus, speċjalment jekk is-servizzi jistgħu jkunu meħtieġa għal ħafna snin. Jekk għandek il-ħsieb li tipprovdi għal dawn l-ispejjeż permezz tat-testment tiegħek jew trust, għandek tikkonsidra l-ispejjeż simili u tippjana finanzi biex tkopri servizzi bħal dawn għal forsi 30 jew 40 sena. Fondi privati għal dawn is-servizzi sħaħ ikunu impossibbli għal ħafna nies billi ma jkollhomx assi biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż. Ikollhom jikkonsidraw is-servizzi li hemm permezz ta' organizzazzjonijiet governattivi jew mhux governattivi u jikkonsidraw x'kontribuzzjoni jistgħu jagħmlu biex jiksbu l-aħjar arranġamenti li jkunu jistgħu jaffordjaw.

## Trusts speċjali għal diżabbiltà

Biex jgħin lill-familji b'ippjanar ta' propjetà, il-Gvern Awstraljan għadda leġislazzjoni biex jipprovdi konċessjonijiet ta' test skond il-mezzi tas-sigurtà soċjali u ta' l-affarijiet għall-veterani, fejn kundizzjonijiet speċifiċi jintlaħqu, għal ċerti għoti ta' rigali jew għal trusts magħrufa bħala trusts ta' diżabbiltà speċjali. Kulħadd jista' jwaqqaf trust ta' diżabbiltà speċjali għal benefiċjarju prinċipali b'diżabbiltà severa sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet leġislattivi.

Il-konċentrament għall-miżura ta' trust ta' diżabbiltà speċjali huwa li jinkoraġġixxi nies li jagħmlu l-proviżjonijiet tagħhom għal akkomodazzjoni u spejjeż ta' kura għal membri tal-familja b'diżabbiltà severa. Trust ta' diżabbiltà speċjali jista' jgħin f'dan għaliex il-konċessjonijiet tas-sigurtà soċjali jistgħu jsolvu tħassib dwar kif fondi miżmuma fit-trust jistgħu jaffettwaw intitolamenti tas-sigurtà soċjali. Madankollu, jekk l-assi disponibbli jkunu żgħar, li t-tnaqqis ta' l-intitolamenti tas-sigurtà soċjali ma jkunux ta' riskju sinifikanti, trust ta' diżabbiltà speċjali jista' ma jkunx rilevanti. Għal informazzjoni dettaljata dwar trusts ta' diżabbiltà speċjali irreferi għall-ktejjeb *Trusts ta' Diżabbiltà Speċjali – Kif tirranġa l-affarijiet.*

## Jistgħu l-arranġamenti tiegħi dwar trusts jew testment ikunu appellati?

Meta tkun qed tipprova tibbilanċja l-fatturi kkunsidrati hawn fuq, hemm kwistjoni oħra wkoll fl-isfond li għandek tikkunsidra: **il-possibiltà li membru fil-qrib tal-familja li ma jkunx kuntent dwar il-mod kif iddeċidejt li tqassam l-affarijiet jista' jisfida d-deċiżjoni tiegħek wara mewtek billi jappella l-wirt tiegħek.** Din tista' tibqa' kwistjoni jekk twaqqaf trust biex jopera waqt li tkun għadek ħaj milli tagħmilha permezz ta' testment. Transazzjonijiet li jsiru qabel tmut kultant jistgħu jkunu sifidati u mwarrba bħala parti mill-appell tat-testment.

Jekk tiddeċiedi li tħalli parti kbira ta' l-assi tiegħek lit-tifel jew tifla tiegħek b'diżabbiltà, tfal oħra jistgħu jargumentaw li m'għamiltx proviżjon xieraq għalihom. Anke jekk tħalli l-propjetà tiegħek lit-tfal tiegħek f'isħma l-istess xi wieħed mit-tfal tiegħek xorta jista' jikklemja dan. Klejms ta' din ix-xorta jistgħu jirriżultaw fi proċeduri tal-qorti li jiswew ħafna flus, u l-proċeduri legali tipikament jitħallsu mill-propjetà tiegħek.

M'hemm l-ebda mod biex tkun assolutament ċert li l-wirt tiegħek ma jkunx sfidat. L-aħjar mod huwa li tiddiskuti l-kwistjonijiet u taqbel mal-membri tal-familja tiegħek kif il-ħtiġijiet u x-xewqat futuri tal-persuna b'diżabbiltà jkunu immaniġġati. Meta tiddiskuti dawn il-kwistjonijiet fil-familja, u jekk ikun possibbli ma' nies oħrajn importanti fil-ħajja tal-persuna, jgħin lill-membri tal-familja kollha biex jilħqu ftehim biex jaġixxu fl-aħjar interessi tal-persuna b'diżabbiltà.

Jekk tkun trid titkellem ma' xi ħadd dwar nuqqas ta' qbil jew konflitt fil-familja tiegħek, jista' jkollok aċċess għas-servizzi ta' Medjazzjoni tal-Familja u Pariri. Dettalji ta' kuntatt jinstabu fil-5 Taqsima ta' dan il-ktejjeb.

Dak li jagħtik pariri jista' jipprepara spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex qassamt il-propjetà b'dak il-mod li tista' tkun inkluża fit-testment tiegħek jew f'dokument separat. Dan jista' jnaqqas il-possibiltà ta' sfida.

**Madankollu, li tipprovdi propjetà għall-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà hija ħaġa importanti.** Il-possibiltà ta' nuqqas ta' ftehim dwarha m'għandhiex twaqqfek milli tagħmel dak li taħseb huwa tajjeb. Wara li tkun ikkunsidrajt sewwa l-għażliet bl-għajnuna ta' parir professjonali, il-fatt li nies oħrajn ma jkunux kuntenti b'dak li se tagħmel, m'għandux iwaqqfek milli tagħmel l-arranġamenti li jidhru l-aħjar għalik. Jekk ikun hemm kwistjoni, l-esekutur tal-wirt tiegħek jipprova jsolviha mingħajr ma jintefqu ħafna flus mill-propjetà fuq spejjeż legali.

## Irrid nispjega fid-dettal dak li jrid jiġri fit-trust?

Tista' tinkludi ħafna jew ftit dettal dwar dak li tixtieq li t-trustees jagħmlu għall-persuna b'diżabbiltà. Jekk tispeċifika dak li t-trustess **għandhom** jagħmlu, jista' jkun hemm problemi jekk iċ-ċirkustazi jinbidlu b'modi li ma tkunx ħsibt dwarhom.

Int ma tistax tara s-sitwazzjonijiet kollha possibbli li t-trustees ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom, f'20 sena jew anke f'10 snin fil-futur, għaliex hemm ħafna fatturi li ma jkunux magħrufa. Meta twaqqaf trusts jew tagħmel testmenti, tista' tagħmel biss l-aħjar li tista' bir-riżorsi u l-informazzjoni li jkollok.

**Ġeneralment ikun mixtieq li tagħti ħafna flessibiltà lit-trustees biex ikollhom setgħa li jagħmlu deċiżjoni sħiħa u ħielsa f'kull sitwazzjoni li tista' tinqala. Li tipprovdilhom linji gwida dwar kif int tixtieq tara l-affarijiet għall-persuna b'diżabbiltà jagħti kapaċità lit-trust biex jipprovdi soluzzjonijiet flessibbli aktar milli tkun strett ħafna.**

Trid toħloq bilanċ biex tikkontrolla l-azzjonijiet tat-trustee b'mod xieraq u fl-istess ħin mingħajr ħafna dettalji. Tista' tagħmel dan billi tagħti linji gwida ġenerali fit-trust deed jew fit-testment dwar kif it-trustees għandhom jaqdu dmirijithom. Il-ftehim jew it-testment jista' jgħid li l-welfare tal-persuna b'diżabbiltà għandu jkun it-tħassib ewlieni tat-trustees. Iġifieri, mhux għat-trustees li jitħassbu dwar kif jiffrankaw il-flus għal min jirċievi dak li jibqa' fiż-żmien fit-tul. Il-linji gwida jistgħu jesprimu l-policy ġenerali li tridhom jimxu magħha u tgħidilhom lil min għandhom jikkonsultaw.

**Dan il-ktejjeb ma jidħolx fid-dettal tal-vantaġġi u l-iżvataġġi ta' kif it-trusts huma ntaxxati; madankollu, hemm xi informazzjoni fil-ktejjeb *'Trusts ta' Diżabbiltà Speċjali – Kif tirranġa l-affarijiet'*. Dan l-informazzjoni għandha tingħata minn dawk li jagħtu pariri legali speċjalizzati u finanzjarji.** Dettalji dwar kif issib avukat huma inklużi fin-naħa ta' wara ta' dan il-ktejjeb. Kull waħda mis-soċjetajiet tal-liġi fl-istati u fit-territorji tista' tagħtik informazzjoni dwar professjonisti li jispeċjalizzaw fit-testmenti u l-propjetà.

## Kif ngħaddi dak kollu li nkun tgħallimt dwar il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabbiltà?

Ħafna dettalji ma joqogħdux faċilment f'testment jew fi trust deed, speċjalment jekk id-dettalji jistgħu jinbidlu. Mod wieħed kif telimina dan huwa li tipprepara l-informazzjoni biex tingħata lit-trustees biex tgħinhom fix-xogħol tagħhom barra t-trust deed jew it- testment. Dan jista' jkun rendikont bil-miktub ta' l-affarijiet kollha li tkun taf dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin għall-persuna b'diżabbiltà u kif tikkomonika l-bżonnijiet u x-xewqat tagħha: attivitajiet li l-persuna tħobb jew ma tħobbx, x'jistgħu jagħmlu u x'ma jistgħux jagħmlu għalihom infushom madwar id-dar, x'sapport għandhom bżonn biex jieħdu sehem f'attivitajiet, medikazzjonijiet u terapiji, min jipprovdilhom servizzi u affarijiet bħal dawn. Tista' tibdel u taġġorna din l-informazzjoni hekk kif l-affarijiet jinbidlu.

Waqt li din l-informazzjoni u l-preferenzi tiegħek dwar suġġetti varji, ma jorbtux legalment lit-trustees, ikun ta' għajnuna biex it-trustees jagħmlu dak li huwa l-aħjar għall-persuna b'diżabbiltà. Naturalment, il-membru tal-familja tiegħek b'diżabbiltà ħafna drabi jkun jista' jsemmi dawn l-affarijiet hu stess, xi ftit jew wisq, u din ukoll tkun xi ħaga li t-trustees għandhom ikunu mgħarrfa biex jikkunsidraw.

# Ir-4 Taqsima

## *Kif ikollok aċċess għal parir legali u finanzjarju*

## Kif issib avukat

Avukati jistgħu jkunu siewja ħafna biex jagħtu parir legali dwar kif tagħmel testment jew biex twaqqaf trust imma jista' jkollhom anqas informazzjoni biex jifhmu l-bżonnijiet ta' persuna b'diżabbiltà u s-sitwazzjoni preżenti dwar servizzi tas-sigurtà soċjali u diżabbiltà. Meta tipprova ssib avukat xieraq għall-bżonnijiet tiegħek ikun tajjeb li tistaqsi familji oħra jew nies li taf li jkunu f'sitwazzjoni simili bħal tiegħek, kif għamlu biex sabu avukat u jekk għandhomx xi rakomandazzjoni.

Jekk ma tkunx tista' tikseb rakomandazzjoni, xi stati u territorji għandhom ċentri legali li jispeċjalizzaw fil-provediment ta' servizzi għal nies bi bżonnijet kbar ta' sapport. Id-dettalji ta' kuntatt tagħhom qegħdin fil-paġna ta' kuntatt. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' l-istati u t-territorji m'għandhomx dawn iċ-ċentri, għalhekk li tikkuntattja, Ċentru Legali Komunitarju (Community Legal Centre) jew lis-Soċjeta tal-Liġi (Law Society) fejn toqgħod int jista' jkun l-aħjar post biex tibda.

Jekk l-avukat tiegħek ma jkunx familjari biex jagħtik pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' diżabbiltà u ippjanar ta' propjetà għal persuna bi bżonnijiet ta' sapport kbir, jista' jkollok tagħtih informazzjoni int. Jekk ikollok pjan żviluppat sewwa tista' tgħid lill-avukat dwar l-affarijiet fil-pjan tiegħek li ma tkunx se tibdel u l-affarijiet li għandek bżonn parir dwarhom.

Meta tkun ħdimt struttura ma' l-avukat tiegħek, itlob parir mill-avukat tiegħek dwar jekk għandekx tieħu aktar pariri ta' ippjanar finanzjarju jew le.

### Informazzjoni li għandek tieħu lill-avukat

**Informazzjoni dwarek:**

- isem sħiħ, indirizz u okkupazzjoni;
- ismijiet sħaħ u l-etajiet ta' tfal;
- x'inhi s-sitwazzjoni fil-ħajja (żwieġ, tfal, qagħda tax-xogħol u okkupazzjonijiet, fejn joqogħdu) tat-tfal tiegħek b'diżabbiltà;
- jekk se twaqqaf trust biex jopera waqt li tkun ħaj, l-istat ta' sigurtà soċjali tiegħek;
- il-valur ta' l-assi tiegħek bejn wieħed u ieħor: id-dar tiegħek, assi finanzjarji oħra, superannuation mistennija, eċċ;
- jekk se tagħmel testment, kif tixtieq tqassam l-assi tiegħek fost benefiċjarji potenzjali;

- jekk se twaqqaf trust biex jopera waqt li tkun għadek ħaj, kemm trid tpoġġi assi fit-trust;
- jekk id-dar tiegħek għandhiex tinżamm għall-persuna b'diżabbiltà;
- lil min tixtieq taħtar bħala trustees;
- jekk tridx li tipprovdi ħlas għat-trustees;
- jekk hemmx xi affarijiet partikulari li trid tagħti lil xi ħadd; u
- jekk tridx tinnomina min għandu jkun maħtur bħala min jieħu ħsieb jew maniġer finanzjarju għal ibnek jew għal bintek b'diżabbiltà, jekk huwa jew hija jkollha bżonn wieħed?

**Informazzjoni dwar il-persuna b'diżabbiltà:**

- tip u grad ta' diżabbiltà, arranġamenti ta' kura u akkomodazzjoni: fid-dar, fis-sistema, provdituri oħra ta' servizz;
- kemm huma siguri dawn l-arranġamenti u kemm jidher li se jdumu;
- xi grad ta' sapport huwa meħtieġ u minn fejn tistennihom jiġu;
- arranġamenti tas-sigurtà soċjali u kemm huma ta' dependenza dawn;
- assi li għandha l-persuna b'diżabbiltà f'ismu jew f'isminha; u
- jista' huwa jew hija tagħmel testment.

## Kif issib espert finanzjarju

Li tkun taf lil min tafda biex jgħinek tagħmel pjanijiet finanzjarji jista' jkun sors kbir għal ansjetà għall-membri tal-familja. Għarfien dwar diżabbiltà u kwistjonijiet relatati ma' l-ippjanar għall-futur jista' ma jkunx l-espertiżmu ta' ħafna minn dawk li jippjanaw. Jekk tiddeċiedi ma' l-avukat tiegħek li inti tibbenifika minn pariri minn accountant jew perusna li tippjana l-finanzi, u m'għandekx diġà persuna li taf f'dan il-qasam, punt tajjeb minn fejn għandek tibda huwa li titlob fost familji oħra fis-sitwazzjoni tiegħek u fost networks oħra li għandek biex tara jekk għandhomx informazzjoni jew pariri f'dan il-qasam. Forsi jistgħu jirrakomandawlek lil xi ħadd.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jagħtu pariri finanzjarji jkollhom għarfien limitat dwar il-kwistjonijiet li tiffaċċja familja li tkun qed tipprovdi għajnuna għal membru tal-familja bi bżonnijiet ta' sapport kbir. Meta tagħżel lil dak li jagħtik pariri finanzjarji, staqsi dwar l-esperjenza personali tagħhom ma' nies li jagħtu pariri fis-sitwazzjoni tiegħek. Il-Financial Planning Association of Australia tista' tgħinek biex issib persuna akkreditata fil-qasam li tkun trid int. In-numru ta-telefon tagħhom huwa inkluż fil-lista ta' kuntatti fin-naħa ta' wara tal-ktejjeb. Madankollu ma jagħtux informazzjoni dwar kemm hija esperta l-persuna fil-qasam ta' ippjanar u diżabbiltà.

Tista' tikkuntattja lill-Australian Securities and Investment Commission billi tara l-websajt f' http://www.asic.gov.au, billi tibgħat email f' infoline@asic.gov.au jew billi ċċempel 1300 300 630, u titlob għal kopja b'xejn tal-ktejjeb 'Getting Advise'.

Minbarra li tieħu l-pjan tiegħek lill-persuna li tagħtik pariri, aħseb dwar il-kwalità ta' dħul li jkollok bżonn tiġġenera biex tipprovdi għajnuna għall-membru tal-familja bi bżonnijiet kbar ta' sapport fil-futur. Ħu informazzjoni wkoll dwar x'benefiċċji oħra persuna tkun eliġibbli għalihom u għażliet ta' akkomodazzjoni li jgħinu lil dak li jagħtik pariri jiżviluppa pjan finanzjarju li jirrispondi ċar għall-bżonnijiet tiegħek.

# Il-5 Taqsima

## *Kuntatti siewja*

## Man-nazzjon kollu

### Servizzi tal-Familja u ta' Pariri ta' Medjazzjoni

Ġenituri li jistabbilixxu arranġamenti privati għall-kura futura tat-tifel jew tifla tagħhom b'diżabbiltà jistgħu jkunu mgħejjuna permezz tal-proviżjonijiet tal-medjazzjoni u pariri għall-familja.

Skond l-inizjattiva tas-Servizzi ta' Relazzjonijiet tal-Familja għal Dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd, hemm fondi pprovduti għal pariri għall-familji u servizzi ta' medjazzjoni biex jgħinu lill-ġenituri u membri oħra tal-familja jilħqu ftehim fuq arranġamenti ta' proviżjonijiet privati, u jgħinu lill-familji jsolvu konflitti u jinnegozjaw ftehim fl-aħjar interess tal-familja kollha.

L-organizzazzjonijiet li ġejjin kienu magħżula biex jagħtu informazzjoni, sapport, pariri u servizzi ta' medjazzjoni, u s-servizzi huma pprovduti skond il-Programm ta' Servizzi ta' Relazzjonijiet tal-Familja (FRSP). Jipprovdu sapport u pariri ta' esperti lill-ġenituri biex jgħinuhom jiżviluppaw pjan għall-kura futura tat-tifel jew tifla tagħhom, u jipprovdu serħan tal-moħħ għall-ġenituri u kontinwità ta' kura għall-persuna b'diżabbiltà.

| | |
|---|---|
| **Australian Capital Territory** | Centacare Canberra – Goulburn<br>Telefon: 02 6162 6100 |
| **New South Wales** | Interrelate Family Centres<br>Telefon: 02 9745 5544 |
| **Queensland** | Centacare Catholic Family and Community Services<br>Telefon: 07 3252 4371 |
| **South Australia** | Uniting Care Wesley Adelaide Inc<br>Telefon: 08 8202 5111 |
| **Tasmania** | Relationships Australia Tasmania<br>Telefon: 03 6421 5800 |
| **Victoria** | Eastern Access Community Health Inc<br>Telefon: 03 9871 1800 |
| **Western Australia** | Anglicare WA Inc<br>Telefon: 08 9263 2050 |
| **Northern Territory** | Centacare NT<br>Telefon: 08 8944 2000 |

Aktar informazzjoni dwar FRSP tista' tinkiseb f' www.facs.gov.au/internet/facsinternet.nsf/family/frspfamily_relationships_service_program.htm

## Pariri Legali

Ara ċ-ċentri legali u soċjetajiet tal-liġi fl-istat jew territorju tiegħek fil-lista hawn taħt.

## Dawk li jagħtu Pariri Finanzjarji

Financial Planning Association of Australia – Find a Planner Service 1800 626 393

Australian Securities and Investments Commission (ASIC)
FIDO (pariri finanzjarji u iċċekkjar dwar sigurtà) hija l-websajt tal-konsumatur ta' ASIC.

Ikkuntattja l-linja ta' informazzjoni bl-email infoline@asic.gov.au jew ċempel 1300 300 630

## New South Wales

| Organizzazzjoni | Dettalji ta' Kuntatt | Kummenti |
|---|---|---|
| Law Society of NSW<br>(Soċjetà tal-Liġi Awstraljana) | 170 Phillip StreetSYDNEY NSW 2000DX 362 Sydney<br>Telefon: (02) 9926 0333<br>Fax: (02) 9231 5809<br>Email: lawsociety@lawsocnsw.asn.au<br>Website: www.lawsociety.com.au | Is-Solicitor Referral Service tal-Law Society of New South Wales jgħin lill-membri tal-pubbliku jsibu kumpanija privata ta' avukati jew speċjalisti akkreditati f'oqsma speċifiċi tal-liġi. Tista' tikkuntattja s-servizz fuq (02) 9926 0300 jew ikollok aċċess għalih online f:www.lawsociety.com.au/Search/Query.aspx<br><br>Mistoqsijiet għal informazzjoni legali jew parir legali l-aħjar ikunu diretti lil LawAccess NSW fuq 1300 888 529 jew ara l-website tal-LawAccess: www.lawaccess.nsw.gov.au (ara 'Wills and Estates').Informazzjoni hemmhekk tinkludi riferiment għal Testmenti lil-Legal Aid Services ta' NSW u karti b'informazzjoni li jispjegaw Testmenti, Power of Attorney (Prokura) u Ippjanar ta' Propjetà. |
| Intellectual Disability Rights Service (IDRS)<br>(Servizz dwar Drittijiet ta' Diżabbiltà Intellettwali) | 2C/199 Regent Street<br>REDFERN NSW 2016<br>Telefon: (02) 9318 0144<br>Freecall: 1800 666 611<br>Website: www.idrs.org.au | IDRS huwa Community Legal Centre (Ċentru Legali Komunitarju) li jipprovdi għajnuna legali lil nies b'diżabbiltà intellettwali u lil membri tal-familja, dawk li jieħdu ħsiebhom, dawk li jirrappreżentawhwom u oħrajn li jkunu qegħdin ifittxu parir f'isem persuna b'diżabbiltà intellettwali. IDRS jirreferu nies lil avukati li jispeċjalizzaw f'dak il-qasam. |
| Combined Community Legal Centres Group (NSW) Inc.<br>(Grupp ta' Ċentri Legali u Komunitarji Flimkien (NSW) Ink). | Suite 3B, Briad House<br>491 - 493 Elizabeth St<br>SURRY HILLS NSW 2010<br>Telefon: (02) 9318 2355<br>Fax: (02) 9318 2863<br>Website: www.nswclc.org.au | Community Legal Centres (CLC) huma organizzazzjonijiet komunitarji indipendenti li jipprovdu parir legali b'xejn u informazzjoni kif ukoll edukazzjonali legali għal individwi u lill-komunitajiet ma' NSW. Hemm 41 Community Legal Centres fi NSW. Ċentri jipprovdu parir legali konfidenzjali u għajnuna dwar varjetà ta' kwistjonijiet, inkluż testmenti. Kull min irid parir jew għajnuna u ma jistax iħallas għas-servizzi ta' avukat privat jista' jikkuntattja CLC. Jistgħu jkunu organizzati interpreti u kull informazzjoni tal-klijent tibqa' strettament konfidenzjali. Għal lista ta' Community Legal Centres li jagħtu servizz fi NSW, ara l-Website: www.nswclc.org.au/CLCs.html |

| | | |
|---|---|---|
| Public Trustee<br>(Trustee Pubbliku) | 19 O'Connell Street<br>SYDNEY NSW 2000<br>Telefon: 1300 364 103<br>Website: www.pt.nsw.gov.au<br>Informazzjoni online: www.pt.nsw.gov.au<br>/Enquiries/Default.aspx | Ir-rwol ta' Trustee Pubbliku huwa li jaġixxi bħala Esekutur, Amministratur u Trustee indipendenti u imparzjali għan-nies ta' NSW. B'network ta' 19-il fergħa ma' l-inħawi metropolitani ta' Sydney u nħawi reġjonali ma' NSW, it-Trustee Pubbliku jipprovdi servizzi biex isir testment, Trusts, Amministrazzjoni ta' Propjetà u Power of Attorney. |
